# Madonna Ta' Pinu

Sena XXVIII Vol X Nru. 142 Lulju - Settembru 2007



## Il-Verġni Marija u s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex





*Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur



**Bord Editorjali**

Dun Gerard Buhagiar (*Editur*),
Dun Mikiel Galea,
Dun Anton Refalo Rapa,
Francesco Pio Attard, Maureen Attard,
Esther Bajada, Edward Depasquale.


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*


**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**

***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan,*
*Ta' Pinu, Għarb Gozo GRB 104,*
*MALTA.*

*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*

*E-mail: theeditor@tapinu.org*



**Abbonament għal sena:**

| | |
|---|---|
| Lokali | Lm 2.00 |
| Ewropa | Lm 5.00 |
| Barra mill-Ewropa | Lm 6.00 |
| Sostenitur | Offerta Libera |

**Ritratti tal-Qoxra**

***Quddiem:***
Kav. Paul Camilleri Cauchi,
*Il-Verġni Marija*
*u s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri.*

***Wara:*** Kalendarju li jfakkar il-125 Anniversarju tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri,
u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*

***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu,*
*Archivio Foto. Marconi, Bologna, Italja.*

**stampar**
jdbprinting - tel: 2155 2219



# F'din il-Ħarġa

*Sena XXVIII Vol X Nru. 142*
*Lulju - Settembru 2007*



**Il-Kelma tar-Rettur** 1
*Marija Omm is-Saċerdoti*

**Tifsira tal-Qoxra** 2

**Kelmet il-Mulej:** 3
*Marija Omm is-Saċerdozju*

*San Ġorġ Preca u d-Devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna* 5

**Ikellmuna s-Sinjali** 8
*Marija u s-Sagrament ta' l-Ordni*

*Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona* 10

**Lectio Divina:** 14
*"Flimkien ma' Marija, Omm Ġesu`" (Atti 1, 14)*

**Teżori f'Kitbiethom:** 17
*Il-Mulej kabbar ismek fost il-ġnus kollha*

**Ħsibijiet Marjani** 19
*Marija li dejjem itterraq*

*Suppliment: A Marian Stamp Album - 18*

**Sliem Għalik:** 21
*Is-Salve Regina*

**Mid-Dinja Marjana** 24

**Mill-Ħajja tas-Santwarju** 25

**Mela Darba:** 30
*L-Istorja tal-Madonna tal-Verbum Dei*

**English Corner** 34
*The Blessed Virgin Mary*
*and the Sacrament of Ordination*

**Isejħulek Hienja** 36

**Grazzi Madonna għax smajtni** 39

**Preżentazzjonijiet** 40




## Intenzjoni ta' din il-Ħarġa

***Biex il-Verġni Marija tħares il-ħidma tas-Saċerdoti u biex jitkattru l-vokazzjonijiet.***



# Marija Omm is-Saċerdoti

♦ F'diskors li għamel fl-1987 liż-żgħażagħ ta' Los Angeles, il-mibki Papa Ġwanni Pawlu II stqarr: *"Ta'sikwit, iż-żgħażagħ jistaqsuni għaliex sirt qassis... ma tantx nista 'nwieġeb għal din il-mistoqsija b' mod komplet għax hija mistoqsija - misteru anki għalija. Kif tista' tispjega t-toroq t'Alla? Pero`jien naf li f'ċerti mument ta-ħajja tiegħi, Ġesu` qalli dak li qal lil eluf ta' bnedmin oħra qabli: ejja u imxi warajja! Bdejt ninduna b' mod ċar li dak li kont qed inħoss ġo qalbi ma kienx leħen uman, anqas ideja tiegħi. Ġesu` kien qed isejjaħli biex naqdieh bħala saċerdot..."*

♦ F' din il-ħarġa ta' "Madonna Ta' Pinu" se nkomplu nittrattaw lill-Madonna f' relazzjoni mas-sagramenti. Din id-darba jmiss is-sagrament ta' l-ordni sagri. Marija hija omm is-saċerdoti kollha. Min hu s-saċerdot?

♦ Kif jgħidilna l-Awtur ta' l-Ittra lil-Lhud, is-saċerdot huwa meħud minn fost il-bnedmin u mqiegħed għall-bnedmin f' dak li għandu x'jaqsam ma' Alla (ara 5,1). Fi kliem ieħor, is-saċerdot huwa l-medjatur bejn Alla u l-bnedmin, iqarreb lil Alla lejn il-bnedmin u l-bnedmin lejn Alla... eżattament kif għamel Ġesu`matul it-tlieta u tletin sena li dam jgħix fostna bħala wieħed minna. Iħobbu jgħidu li s-saċerdot huwa Kristu ieħor! Bis-sagrament ta' l-ordni sagri, huwa jirċievi grazzja speċjali li biha jsir jixbaħ lil Kristu Saċerdot, jibda jaġixxi f' ismu u jagħmel dak li kien jagħmel hu.

♦ Għalhekk f' isem Ġesu`u bħal Ġesu`, is-saċerdot huwa msejjaħ qabel xejn biex ixandar il-kelma t' Alla lil kulħadd. Ġesu`qal lill-appostli: *"Dak li ngħidilkom f'widnejkom, xandruh minn fuq il-bjut,"* (Mattew 10,27). U darba oħra: *"Morru fid-dinja kollha u xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu."* (Mark 16,15)

♦ F'isem Ġesu` u bħal Ġesu`, is-saċerdot huwa msejjaħ, imbagħad, biex iqaddes lill-bnedmin u jqarribhom lejn Alla. Lill-appostli, u għalhekk lis-saċerdoti kollha, Ġesu`tahom setgħat kbar: is-setgħa li jgħammdu, is-setgħa li jaħfru d-dnubiet, is-setgħa li jibdlu l-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u fid-Demm tiegħu.



Emvin Cremona, dettal *Pentekoste,* Santwarju Ta' Pinu

- F'isem Ġesu` u bħal Ġesu`, is-saċerdot huwa msejjaħ ukoll biex imexxi l-merħla fdata f' idejh. Imexxiha mhux billi jaħkem fuqha, iżda billi jaqdiha bl-imħabba. F'dan il-qadi lejn l-oħrajn, is-saċerdot jipprova jixbaħ lil Ġesu` li qal: *"Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, iżda biex jaqdi..."* (Mattew 20,28)

- Kif se jagħmel dan kollu? Waħdu ma jistax jagħmlu. Imma hemm il-grazzja t' Alla li niżlet fih dak inhar ta' l-ordinazzjoni tiegħu. Hemm ukoll il-Verġni Marija, Omm is-saċerdoti kollha. Hi li kienet l-ewwel u l-aqwa dixxiplu ta' Binha Ġesu` tgħallem lis-saċerdot il-kwalitajiet ta' Ġesu` li tqisu binha ieħor. Min fuq is-salib, waqt li ħares lejn id-dixxiplu l-maħbub, Ġesu` qal lil ommu: *"Mara, ara ibnek."* U d-dixxiplu ħadha għandu. ●

*Dun Mikiel Galea*
*Rettur tas-Santwarju*



# Tifsira tal-Qoxra

Is-suġġett li qed nitrattaw f'din il-ħarġa huwa: **"Il-Verġni Marija u s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri".** Għalkemm il-Verġni Marija ma hix saċerdot, peroÏ teżisti rabta sħiħa bejn Marija u s-saċerdot.

Kristu, l-iben ta' Alla li tnissel fil-ġuf verġinali tax-xebba ta' Nażaret bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu huwa l-Uniku Saċerdot. Hu biss huwa l-artal u l-vittma li permezz tiegħu l-bniedem kiseb il-Fidwa. Kull żagħżugħ li jirċievi is-sagrament ta' l-Ordni Sagri jkun qed jipparteċipa mill-missjoni saċerdotali ta' Kristu. Hu qed jiġi mibgħut f'isem Kristu biex jkompli jwassal lill-bnedmin kollha il-Bxara tas-Salvazzjoni.

Il-Verġni Marija nisslet f'ġufha l-Verb ta' Alla, għaliex l-ewwel u qabel kollox semgħet u għozziet f'qalbha l-Kelma ta' Alla. Kull vokazzjoni hija dejjem sejħa ta' Alla u għalhekk il-bniedem biex jintebaħ bil-vokazzjoni tiegħu jeħtieġ li jkun "ħabib tal-Kelma" bħal Verġni Mbierka. Bħalha wkoll jrid jitpoġġa taħt il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu biex b' mod liberu hu jwieġeb għal din is-sejħa Divina u ma' Marija jistqarr: "Hawn jien... Ħa jsir minni skond kelmtek".

Kif wieħed jista jinnota fl-istampa tal-qoxxra, kemm il-Verġni Marija u kemm dak li qed jirċievi l-Ordni Sagri jinsabu għarkobbtejhom, fuqhom hemm l-Ispirtu qaddis ta' Alla u t-tnejn inisslu din il-kelma: "Hawn jien", it-tnejn lesti biex ikunu strument ta' salvazzjoni fost ħuthom il-bnedmin.

**MARIJA Omm tal-Knisja u Qaddejja tal-Kelma,** żomm ħarstek fuq is-saċerdoti tagħna u għin lil tant żgħażagħ iwieġbu għas-sejħa li l-Mulej jagħmlilhom!

*L-Editur*
*d.Gerard Buhagiar*

*Mill-ġdid nirringrazzjaw lill-Kav. Paul Camilleri Cauchi li għoġbu jagħtina din il-pittura oriġinali li ġiet maħduma esklussivament għar-Rivista Madonna Ta' Pinu.*

# Kelmet il-Mulej

minn Mons. Lawrenz Sciberras



## Marija Omm is-Saċerdozju

Kristu huwa s-saċerdot etern, anzi s-saċerdot li għandu fih il-milja tas-saċerdozju. Santu Wistin jgħidilna li "Ġesu' li kellu natura li ma tmut qatt, ħa għalih natura li tmut, biex bħala s-saċerdot il-kbir bil-mewt sagrifikali tiegħu imut u hekk jifdi u jiġġustifika lil dawk li mhumiex ġusti''. Issa kienet preċiżament l-għażiża ommu Marija li tat lil Binha Ġesu' din in-natura umana, mela omm tal-qassis il-kbir Kristu. Għalhekk Marija, bir-raġun kollu, hija omm Kristu Saċerdot u xejn anqas omm is-saċerdoti li dawn imbagħad ġejjin direttament mis-saċerdozju ta' Kristu.

### Kristu saċerdot

Meta kien fis-sinagoga ta' Nażaret, Ġesu' qara s-silta meħuda minn Isaija profeta. Meta mbagħad ġie biex jagħmel it-targum ta' dik is-silta, Ġesu' mingħajr tlaqlieq ta' xejn applika għalih dak il-kliem. *"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani"*. Issa fit-Testment il-Qadim il-konsagrazzjoni jew aħjar id-dilka biż-żejt kienet tiġi mogħtija lill-profeti, lill-qassisin u lis-slaten. U Ġesu' kellu fuqu dawn it-tliet realtajiet, għaliex Ġesu' kien tassew sultan, qassis u profeta. U matul ħajtu Ġesu' mhux biss uriehom u aċċettahom, imma wkoll iddefendihom u ħaddimhom.

Prinċipalment ix-xogħol karatteristiku tal-qassis kien li jqarreb id-debħiet tan-nies lejn l-artal fit-tempju ta' Ġesualemm, biex imbagħad wara li jsir it-talb, il-qassis jaħraq dawn l-offerti bħala ringrazzjament jew tpattija lil Alla l-Missier. GesuÏ ma għamilx hekk biss. U hawn qiegħda d-differenza ontoloġika bejn il-qassisin tat-T.Q. u is-saċerodizju li kellu Kristu. Il-Papa Benedittu XVI fil-ktieb tiegħu "Ġesu' ta' Nazaret'' f'paġni 38-41 juri li Ġesu' bħala l-ħaruf veru "ġarr'' id-dnubiet tad-dinja u bħala qassis offra lilu nnifsu għalihom. Huwa kollu għalhekk li ĠesuÏ refa' u ħa l-magħmudija ta' Ġwanni. Ta' qassis li kien tassew, Ġesu' refa' fuq spallejh dawn id-dnubiet sa fuq is-salib u hemm patta għalihom bit-tixrid kollu ta' demmu.

Ġesu' huwa dak il-ħaruf mela l-vittma u fl-istess ħin huwa wkoll il-qassis li joffri. Issa bil-paċenzja bħal ħaruf għas-sagrifiċċju, il-Feddej li qed imut fuq is-salib daħal għall-mewt minflok ħaddieħor. Bis saħħa tat-tpattija tal-mewt innoċenti tiegħu huwa neħħa l-ħtija tal-bnedmin kollha. Issa din ta' Ġesu' vittma u Ġesu' qassis ħaddimha taħt żewġ aspetti reali: L-ewwel l ogħla mħabba lejn Alla Missier , u t-tieni l-imħabba erojka lejn il-bnedmin kollha.

L-imħabba ta' Kristu lejn il-Missier urieha bis-sottomissjoni sħiħa għal volonta' eterna li titlob is-sagrifiċċju tat-tixrid ta' demmu: *"Jien imbagħad għedt: 'Hawn jien, ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek, O Alla'"* (Lhd 10,7). Ġesu' urieha

b'mod sħiħ **tal-volonta` tiegħu**. "Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux? (Ġw 18,11). Kienet ukoll waħda **l-aktar umli;** "Ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt'' (Fil 2,8a). U xejn anqas **erojka:** 'Obda sal-mewt anzi sal-mewt tas-salib' (Fil 2,8b).

It-tieni mħabba lejn il-bnedmin kollha ĠesuÏ waqt l-aħħar ikla tiegħu ma' l-appostli qal: *"Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din; li wieħed jaghti hajtu ghal hbiebu"* (Ġw 15,13).

Raġuni oħra prinċipali għaliex is-sagrifiċċju ta' Kristu jisboq bil-bosta lil dawk kollha tat-T.Q. hija għaliex il-vittma u minn joffriha huwa l-istess wieħed fl-istess ħin. Fil-waqt li fit-T.Q. il-qassisin kienu jaħarqu l-bhejjem t'Alla, u jroxxu demmhom fuq in-nies, issa fil-każ tas-sagrifiċċju tal-kalvarju, huwa Ġesu' nnifsu li joffra lilu nnifsu. "*Kristu wkoll ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina, offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla*'' (Ef 5,2).

Quddiem din il-veritaÏ dwar Kristu l-qassis veru u ewlieni tat-Testment il-Ġdid, ma jibqa' ebda dubju dwar Ommu Marija. Din l-mara kollha kemm hi speċjali jkompli issa San Bernard mhux biss tat il-ġisem lil binha saċerdot, imma wkoll kienet hi li assistiet għas-sagrifiċċju sħiħ u komplut ta' binha hemm fuq il-Kalvarju. Immela tassew li Marija hija omm Kristu saċerdot.

## Marija omm il-qassisin

Kull saċerdot ontoloġikament jaf il-qawwa tas-saċerdozju tiegħu minn dak tal-qassis il-kbir, Kristu. Kien Ġesu' li ta s-setgħa lill-appostli u lis-suċċessuri tagħhom biex jgħallmu, biex jaħfru id-dnubiet, biex jidilku il-morda biż-żejt, biex iqiegħdu idejhom fuq oħrajn, fuq kollox biex jikkonsagraw il-ħobz u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu. Ta' min jirrifletti fuqha ħafna għaliex fiha tassew x'wieħed jikkonkludi u x'jitgħallem dak li jgħid l-Atti ta' l-Appostli wara li Kristu tela' s-sema. Almenu sa dak il-waqt ta' nżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli, Marija kienet hemm magħhom, f'dik l-istess għorfa li Binha Ġesu' waqqaf l-ewkaristija u s-saċerdozju. "Ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija omm Ġesu (Atti 1,4). Issa din il-preżenza hekk importanti ta' Marija ma setgħetx ma tkunx hemm ukoll fiċ-Ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi fost l-ewlenin insara hemm ġo Ġerusalemm "*fil-qsim tal-ħobż"* (Atti 2,42). Din hija premura kollha kemm hi partikulari ta' Marija. U bħal din l-istess premura Marija diġa' kienet wrietha fit-tieġ ta' Kana (Ġw 2,4).

Fl-enċiklika tal-Papa Ġwanni Pawlu II "*Ecclesia de Eucharistia*" propju fl-aħħar taqsima, meta l-papa jwessa l-ħsieb *"Fl-Iskola ta'Marija, il-Mara Ewkaristika"*, huwa jkompli: "Toqogħdux ittellgħu u tniżżlu. Afdaw fil-kelma ta' l-Iben tiegħi. Hu, li kien kapaċi jibdel l-ilma f'inbid, hekk ukoll huwa kapaċi li jagħmel mill-ħobż u mill-inbid il-Ġisem u d-Demm Tiegħu, fil-waqt li jafda permezz ta' dan il-misteru f'idejn dawk li jemmnu t-tifkira ħajja tal-Għid tiegħu, sabiex b'dan il-mod, jagħmel minnu nnifsu '*il-Ħobż tal-Ħajja*'. (Nru 54).

F'ċertu sens għalhekk dak li Marija għaddiet lil Binha saċerdot, issa bil-preżenza ħajja tagħha fost l-appostli hija saret ukoll għalihom ommhom bħala saċerdoti għaliex ġejjin direttament mis-saċerdot Binha Ġesu'. Ta' min jikkonkludi għalhekk, li ladarba Marija hija omm il-qassis il-kbir Binha Ġesu', u s-saċerdozju tat-T.Ġ. ġej minn dak ta' Kristu, mela Marija hija wkoll omm is-saċerdoti tat-Testment il-Ġdid. Il-preżenza tagħha f'dik l-istess għorfa ewkaristika, għorfa fejn deher Kristu irxoxtat u ta' l-appostli s-setgħa li jaħfru d-dnubiet, għorfa li laqgħet fiha nżul l-Ispirtu s-Santu, Marija hemm uriet li tassew hija omm l-ewwel qassisin u isqfijiet flimkien mas-suċċessuri tagħhom. ●



Stampa: Paul Camilleri Cauchi, *Kristu Rxoxt jidher lil Ommu Marija,* Parroċċa Stella Maris, Sliema.



# San Ġorġ Preca u d-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna

minn John Formosa

Karatteristika speċjali ta' kull qaddis/a hija l-imħabba kbira u ġenwina lejn il-Verġni Mbierka Marija. Wara Ġesu', huma jħobbu l-aktar lill-Omm għażiża tiegħu u lejha jirrikorru fit-talb tagħhom biex tagħmilhom dejjem aktar jimxu fuq il-passi ta' Binha. Il-qaddis ġdid tagħna, San Ġorġ Preca, mhuwiex eċċezzjoni. Huwa kellu mħabba vera u tenera lejn l-Omm tagħna tas-sema u ħabrek kemm felaħ biex inissel din id-devozzjoni wkoll fil-poplu tagħna.

## Marija fil-ħajja ta' Dun Ġorġ

Kif kienet id-drawwa fiż-żmien li fih twieled, il-ġenituri tiegħu ippreżentawh lill-Verġni Marija ftit jiem wara li twieled. Minn għandhom sa minn ċkunitu xorob devozzjoni sinċiera lejn il-Madonna, li kompliet tikber fih matul iż-żmien. Mhux biss kien iġib fuqu l-Labtu tal-Karmnu sa minn tfulitu, imma fl-1918 inkiteb ukoll Terzjarju Karmelitan.

Minbarra l-labtu tal-Karmnu, Dun Ġorġ kien ukoll iġib imdendla ma' għonqu d-domna tal-Madonna magħrufa bħala l-Midalja Mirakoluża. Huwa kien jirrakkonta li ra b'għajnejh il-qawwa ta' din il-midalja kemm b'konverżjoni ta' mara mill-Ħamrun ftit tal-ħin qabel mewtha u li assistieha hu stess fl-aħħar ta' ħajjitha, kif ukoll ħelsien mill-mewt f'inċident serju tat-traffiku li seħħ fuq soċju tal-Museum min-Naxxar.

Dun Ġorġ kien kuljum jirreċita b'devozzjoni kbira t-talba tar-Rużarju u spiss, speċjalment fil-festi Marjani, kien jgħidu sħiħ, jiġifieri il-ħmistax-il posta. Kien ukoll devot tat-talba ta' l-Anġelus, li fid-dar tiegħu kemm-il darba qalha għarkubbtejh kif kienet id-drawwa tal-Karmelitani fl-antik. Min qed jikteb ġie li qal din it-talba miegħu u baqa' impressjonat bid-devozzjoni li biha kien jgħidha u, speċjalment, bil-ġenuflessjoni profonda għall-versett *"L-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna"*, tant li seta' jisma' t-taħbita ta' rkobbtu ma' l-art, minkejja li kellu diġa' 'l fuq minn 70 sena.

Fuq parir li kien tah il-konfessur tiegħu, Dun Ġorġ kellu wkoll devozzjoni lejn il-Madonna tal-Bon Kunsill, u kien iżomm xbieha tagħha f'daru u lejha kien jirrikorri f'kull problema li kienet tinqalagħlu. Huwa jirrakkonta li, meta darba kien għaddej minn żmien diffiċli, sema' vuċi ċara ħierġa mix-xbieha tgħidlu: *Serva Silentium* (= Żomm is-silenzju). Minħabba f'hekk baqa' miġbud ħafna lejn il-Madonna taħt dan it-titlu.

## Jifraħ bil-kobor ta' Marija

Dun Ġorġ kien jimmedita spiss fuq "il-Verġni Mbierka" u jifraħ bil-kobor tagħha. Biex nippruvaw dan ma nistgħux nagħmlu aħjar milli nagħżlu silta mill-ktieb tiegħu *Omeliji ta' Patri Franku* li titkellem weħedha fuq dan li qed ngħidu:

"Ħadd ma jista' jifhem il-ħwejjeġ kbar li Alla għamel lil Marija. Hija stess qalet li Alla għamel lilha ħwejjeġ kbar, u kbar li ħadd ma jista' jifhem,



*Il-velja ta' talb lejlet il-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, Ruma*

anzi lanqas hija stess, vera kreatura, ma tista' tifhem il-kobor tagħha, għax mhijiex esseri infinit, li huwa Alla waħdu, għax dak li huwa maħluq hu finit, u l-finit ma jistax jifhem l-infinit.

"Kellu raġun Santu Wistin jgħidilha: *Inti kbira tassew, o Marija, u inti stess ma tafx kemm inti kbira.* Hija ma tafx kemm hija kbira għax ma tistax tifhem l-infinit, u infinit huwa l-Iben tagħha, Alla veru minn Alla veru, u bniedem veru minn bniedem veru. Kemm għandna raġun li nirringrazzjaw lil Alla li ħalaq lil Marija, u għażilha biex tkun il-kawża tal-ferħ tagħna, għax mingħajr l-opra ta' Binha Ġesu' aħna lkoll, massa waħda, għat-telfien ta' dejjem.

"Min jagħraf min hija Marija impossibbli li ma jħobbhiex, meta Alla ħabbha tant u tant u tant; impossibbli li ma jsejħilhiex għall-protezzjoni potentissima tagħha u ma jirrikorrix lejha b'tama qawwija fil-bżonnijiet tiegħu tar-ruħ u tal-ġisem. Żgur li m'hemmx konfużjoni għal min jittama f'din l-Omm tal-ħniena li Ġesu' fuq is-salib ordnalna li neħduha b'Ommna fil-persuna ta' l-appostlu San Ġwann, u hija bla ebda dubju żżommna b'ulied tagħha kif Ġesu' irrakkomandalha: *Ekku l-omm tiegħek*, lil San Ġwann, u: *Ekku l-iben tiegħek*, lil Marija."

## Xandar tad-Devozzjoni lejn Marija

Imma Dun Ġorġ ma kienx kuntent li jħobb ħafna lil Marija waħdu, Iżda ħabrek kemm felaħ biex ixerred din id-devozzjoni fost il-poplu. Għal dan il-għan huwa ppriedka u kiteb kemm felaħ fuqha. Ma kienx jixba' jitkellem dwarha, u speċjalment fuq il-kobor tagħha, is-setgħa tagħha quddiem Alla, u kemm hija dejjem lesta biex tgħin lil min jirrikorri lejha f'kull bżonn li jkollu.

Kien jogħxa jirrakkonta lis-semmiegħa tiegħu l-miraklu tat-Tieġ ta' Kana, fejn Ġesu' għamel l-ewwel miraklu tiegħu minkejja li s-siegħa tiegħu biex jagħmel il-mirakli kienet għadha ma wasletx. (Cf. Ġw 2,4) Dun Ġorġ kien jgħid li għall-kelma ta' Ommu, Ġesu' għaġġel is-siegħa tiegħu "għax lil Marija l-ebda talba li tagħmel ma tiġi miċħuda". Biex juri l-potenza tagħha, Dun Ġorġ kien jagħmel bħal djalogu bejn il-Missier etern u l-Iben, qabel l-Inkarnazzjoni. "Ara, Jiena se nibgħatek fid-dinja, imma mirakli hemm la tagħmilx qabel ma ngħidlek Jiena; lanqas jekk titolbok Ommok, la tikkuntentahiex; imma jekk hija tkun trid assolutament bilfors, allura ikkuntentaha għax l-ebda talba tagħha ma tiġi miċħuda."

Imma Dun Ġorġ kien jiġbed riflessjoni oħra mir-rakkont tat-Tieġ ta' Kana. Huwa josserva li, biex wieħed ikollu fiduċja sħiħa li dak li jitlob żgur se jaqalgħu, huwa għandu jmur għand xi ħadd li ġa għandu l-mezzi kollha biex jgħin, imma li fl-istess ħin ukoll irid ikun ta' qalb ħanina u tagħder. Jekk tonqos xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet, faċilment wieħed jista' ma jottenix it-talba li jagħmel. Issa, skond Dun Ġorġ, fit-tieġ ta' Kana, f'Marija jidhru ċari dawn iż-żewġ kondizzjonijiet flimkien: hija wriet kemm għandha qalbha tenera għax, bla ma kienet

mitluba, imma mqanqla biss mill-imħabba tagħha dejjem lesta biex tgħin, talbet lil Binha, u dan taha dak li talbitu minkejja li s-siegħa tiegħu kienet għadha ma wasletx.

## Vera devozzjoni

Dun Ġorġ jgħid li ssib ħafna nies li jgħidu li jħobbu lill-Verġni Marija, imma l-mod ta' ħajja tagħhom jindika li mhux veru jħobbuha. Għalhekk huwa kien jinsisti ħafna mas-semmiegħa tiegħu biex ikunu devoti ***veri*** tal-Madonna. Tista' tgħid li, fil-priedki u fil-kitbiet kollha tiegħu, kull darba li jsemmi l-kelmiet "devozzjoni lejn Marija" Dun Ġorġ iżid dejjem l-aġġettiv "vera" jew "sinċiera", jew ġie li jużahom it-tnejn flimkien. Hekk per eżempju ħalla miktub: "Agħmlu ċerta s-salvazzjoni ta' ruħkom b'devozzjoni vera u sinċiera lejn il-Verġni Mbierka." Huwa importanti li nifhmu xi tfisser devozzjoni vera u sinċiera.

### ♦ Ħarba mid-dnub

Skond Dun Ġorġ, wieħed mill-aqwa sinjali ta' vera devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka hu li wieħed jitbiegħed mid-dnub. Mhuwiex bla skop li Alla ppermetta li l-aħħar kliem li qalet il-Madonna u li għandna reġistrat fil-Bibbja hu: "Agħmlu dak li jgħidilkom Huwa (Ibni)." (Ġw 2,5) Nistħajlu li l-Madonna qed tgħid dan il-kliem lil kull min irid ikun devot veru tagħha. Difatti Dun Ġorġ ħalla miktub li sinjal kbir ta' devozzjoni lejn Marija huwa li wieħed jimxi fuq it-tagħlim ta' Ġesu' u b'mod speċjali l-ħarba mid-dnub li tant joffendi lil Binha.

### ♦ Nixbħu lil Marija

Imma Dun Ġorġ ma jieqafx hawn. Huwa jagħfas ukoll li min iħobb lil Marija jħabrek li jsir jixbaħha fil-virtujiet tagħha. Ħalla miktub: "Ilbsu lil Marija intom li tgħidu li tħobbu lil Marija." Tilbes lil Marija jfisser li ġġib fuqek l-istess kwalitajiet sbieħ li għexet Marija.

Fost il-ħafna virtujiet li jidhru f'Marija Dun Ġorġ jipproponi għall-imitazzjoni b'mod speċjali l-umilta' u l-ħniena tagħha.

B'umilta' nifhmu li wieħed jagħraf li kull ħaġa tajba li għandu hija ġejja minn Alla u allura ma jiftaħarx biha bħallikieku li għandu xi ħaġa tajba bil-ħila tiegħu, imma dejjem u f'kollox jagħti glorja lil Alla. Marija stqarret li hija l-qaddejja tal-Mulej, u kull ħaġa tajba fiha għarfitu li kien ġej minn Alla. Anki meta Eliżabetta faħħritha għall-grazzja kbira li sabet quddiem Alla, malajr Marija attribwiet kollox lil Alla. "Għax Hu (Alla) ħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu, u minn issa 'l quddiem il-ġenerazzjonijiet kollha jsejħuli hienja, għax ħwejjeġ kbar għamel miegħu Dak li hu setgħani." (Lq 1,48-49)

F'Marija tidher ħafna wkoll il-ħniena u l-imħabba tagħha lejn min kien fil-bżonn. Għadha kif saret Omm Alla, u araha sejra tiġri biex tgħin lil qaribitha Eliżabetta li kienet se ssir omm fi xjuħitha. Hija tagħmel magħha tliet xhur isseftrilha u taqdiha fil-bżonnijiet kollha tagħha. (Lq 1, 39-56)

Kif diġa' semmejna, anki meta kienet mistiedna f'tieġ u naqas l-inbid, Marija ma felħitx tara żewġ għarajjes jinfixlu fil-jum tant għażiż għalihom. Hi qabżet għalihom quddiem binha Ġesu' u ġagħalitu jagħmel miraklu minkejja li kienet għadha ma wasletx is-siegħa tiegħu. (Ġw 2,1-11)

### ♦ Talb lil Marija

Imma min iħobb tassew lil Marija ma jonqosx ukoll li jsellmilha bit-talb dedikat lilha. Il-Knisja tixtieqna nsellmulha bit-talba ta' l-Angelus tliet darbiet kuljum, fit-8.00 ta' filgħodu, f'nofsinhar, u fi nżul ix-xemx.

Jixraq ukoll li nsellmu kuljum lil Marija bit-talba tant għażiża għaliha tar-Rużarju. Dun Ġorġ ħalla miktub li, sa nofs il-lejl, il-Verġni Marija tkun tistenniena biex insellmulha mqar b'ħames posti tar-Rużarju.

Wieħed li tassew Iħobb lill-Madonna, skond Dun Ġorġ, għandu wkoll ta' spiss matul il ġurnata jsellmilha b'xi ġakulatorja qasira. Eżempji: *Marija, berikni u salvani*; jew: *Marija, tħallinix noffendi lil Ibnek Ġesu'*, eċċ...

## Devozzjonijiet Marjani "ġodda"

Dun Ġorġ xerred fost il-poplu mhux biss devozzjonijiet Marjani li nistgħu nsejħulhom tradizzjonali, bħalma huma r-Rużarju, il-Labtu tal-Karmnu u l-Midalja Mirakoluża, imma wkoll xerred devozzjonijiet 'ġodda' li jkomplu juru

*(ikompli f'paġna 13)*



# Ikellmuna s - Sinjali

**minn P. Anton Farrugia, ofm**

## Marija u s-Sagrament ta' l-Ordni

Għedna li l-Magħmudija, l-Konfermazzjoni (jew Griżma) u l-Ewkaristija, huma s-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija. F'dan is-sens huma l-pedament ta' kull vokazzjoni fil-Knisja.

Dawk l-irġiel li kkonsagrati fil-Magħmudija u l-Griżma, jistgħu jirċievu s-sagrament ta' l-Ordni sagri, jiġu wkoll ikkonsagrati biex ikunu f'isem Kristu *"bil-kelma u l-grazzja ta' Alla, rgħajja tal-Knisja"* (Lumen gentium, 11).

L-Ordni hu s-sagrament li bih il-missjoni fdata lill-Appostli minn Ġesù Kristu titkompla fil-Knisja sa l-aħħar taż-żmien. Fil-qedem il-kelma *"Ordni"* kienet tfisser grupp ta' nies li jmexxu lill-oħrajn. Illum din il-kelma ninqdew biha għall-att sagramentali li permezz tiegħu xi wħud jingħataw id-don ta' l-Ispirtu s-Santu biex ikunu jistgħu jeżerċitaw *setgħa qaddisa.* Għalhekk aħna nirreferu għal dan is-sagrament bħala l-*Ordni sagri.*

Dan l-Ordni li ġej minn Kristu jiġi mħaddem fi *gradi* jew *ordnijiet* diversi li sa mill-eqdem żmienijiet jissejħu isqfijiet, presbiteri (saċerdoti jew qassisin) u djakni. L-Ordinazzjoni tagħhom tissejjaħ ukoll *"konsagrazzjoni"* għaliex il-Mulej Ġesù jwarrab għalih li dawk li jagħtihom is-setgħa qaddisa li semmejna, għall-ġid tal-Knisja tiegħu.

It tqegħid ta' jdejn l-isqof flimkien mat-talba li jagħmel lil Alla għall-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu, huma sinjal li jidher ta' din il-konsagrazzjoni. Wara, għadd ta' riti oħra jfissru u juru b'mod simboliku l-misteru li jkun seħħ f'dawk li jkun għażel għalih.

Hekk fl-Ordinazzjoni ta' l-isqfijiet u l-presbiteri, d-dlik biż-żejt imqaddes tal-Griżma (l-isqof fuq ir-ras; il-presbiteri fuq l-idejn), huwa sinjal tad-dilka speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu li biha l-ministeru tagħhom jagħti l-frott. L-għoti tal-ktieb tal-Vanġeli lill-isqfijiet u lid-djakni jfisser il-missjoni tagħhom li jħabbru l-Kelma t'Alla. Fil-jum ta' l-Ordinazzjoni tiegħu, l-isqof jirievi wkoll iċ-ċurkett, sinjal tal-fedelta' tiegħu lejn il-Knisja; il-mitra li trid tfisser il-ħerqa li għandu jkollu

għall-qdusija, kif ukoll il-baklu, li juri l-uffiċċju li għandu kull isqof li jirgħa l-merħla ta' Alla fdata lilu. Il-presbiteri jirċievu minn idejn l-isqof il-ħobż fuq il-patena u l-inbid fil-kalċi, sinjal li huma msejħin biex jippreżentaw lil Alla l-offerta tal-poplu qaddis tiegħu.

Kristu kellu fost id-dixxipli tiegħu kemm irġiel kif ukoll nisa li mxew warajh sa fuq il-Kalvarju (ara *Lq* 23,27) u li lilhom qabel kulħadd wera ruħu wara li qam mill-imwiet (ara *Ġw* 20, 1-2). Madankollu l-Mulej Ġesu' għażel biss irġiel bħala Appostli tiegħu u hekk ukoll għamlu l-istess Appostli meta ġew biex jagħżlu l-kollaboraturi tagħhom. Il-Knisja tħoss ruħha marbuta ma' din l-għażla u għalhekk l-Ordinazzjoni tan-nisa ma tistax tkun.

Marija *l-imbierka fost in-nisa* kollha, ma nsibuhiex fl-aħħar ikla ta' Ġesu' f'dak il-lejl qabel ma bata, imma niltaqgħu magħha l-għada, *wieqfa taħt is-Salib* ta' Binha flimkien ma' xi nisa twajba oħra (ara *Mt 27, 55-56*).

Fil-kelmiet *agħmlu dan b'tifkira tiegħi* li l-Mulej qal lill-Appostli tiegħu fiċ-ċenaklu (ara *1 Kor 11, 24*), aħna nilmħu t-twaqqif tas-sagrament ta' l-Ordni. Imma meta naħsbu fis-sagrifiċċju tas-Salib li s-saċerdoti *fil-persuna ta' Kristu,* jġeddu fuq l-altar, ma nistgħux ma naħsbux anke fil-preżenza ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. Wara s-sagrifiċċju ta' Kristu antiċipat fiċ-Ċenaklu u mwettaq fuq il-Kalvarju, hemm moħbija l-imħabba ta' Ommu Marija li kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II *"qasmet b'qawwa ma' Binha t-tbatijiet tiegħu u ngħaqdet b'qalb ta' omm mas-sagrifiċċju tiegħu waqt li b'imħabba tat il-kunsens tagħha għall-offerta tal-vittma li kienet weldet"* (Lumen gentium, 58).

Jekk is-sagrament ta' l-Ordni jagħti lil xi wħud li Alla jagħżel minn fost il-poplu tiegħu, *s-setgħa* biex imexxu *fil-persuna ta' Kristu* u jiċċelebraw il-Misteri qaddisa; madankollu fil-ħsieb tal-Mulej Ġesuī, li fl-aħħar ikla ma' l-Appostli tiegħu, qam minn fuq il-mejda biex jaħslilhom saqajhom, is-saċerdozju li hu ħalla lill-Knisja tiegħu, qiegħed hemm għall-qadi u mhux għall-ħakma ta' l-oħrajn: *"intom issejħuli 'l-Imgħallem' u l-'Mulej' u tgħidu sewwa, għax hekk jien. Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom l-eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll"* (Ġw 13, 13-15).

L-Iben t'Alla ġie fid-dinja mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra (*Mt 10, 45*). F'dan is-sens mhux biss is-sagrament ta' l-Ordni huwa wieħed ministerjali imma l-istess Ewkaristija li s-saċerdoti għandhom is-setgħa li jiċċelebraw *fil-persuna ta' Kristu* kif ifissru tant tajjeb l-istess kelmiet tal-konsagrazzjoni: *"Dan huwa ġismi li jingħata għalikom; dan huwa l-kalċi ta' demmi, d-demm li jixxerred għalikom u għall-bnedmin kollha"* (Lq 22, 19-20).

F'dawn il-kelmiet li s-saċerdoti jagħmlu tagħhom fil-quddiesa, l-Iben t'Alla magħmul bniedem jagħmel lilu nnisfu qaddej fil-veru sens tal-kelma, għax jagħti ħajtu għall-fidwa tal-bnedmin kollha. Imma maġenb Kristu, *l-qaddej sofferenti ta' Yahweh* hemm ukoll *il-qaddejja tal-Mulej:* Marija ta' Nazareth.

F'dan is-sens, jekk is-saċerdozju ta' Kristu li jkompli fis-sagrament ta' l-Ordni huwa minnu nnifsu wieħed ministerjali, ma jistax jiġi eżerċitat jekk mhux f'għaqda sħiħa ma' Ommu Marija, *l-qaddejja tal-Mulej.* Flimkien magħha, kull min jiġi msejjaħ b'ismu biex jersaq ħa jirċievi s-sagrament ta' l-Ordni, jista' jgħid tabilħaqq: *hawn jien.* ●



# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*



Rit. 1

## Storja u Teknika:

Il-pittura "Inżul ta' l-Ispirtu s-Santu" (298.5cm X 96cm, rit. 1) ta' Emvin Cremona hi ffirmata fuq quddiem in-naħa t'isfel fuq il-lemin "CREMONA Pinxit" (rit 2). Hi magħmula fuq it-tila b'żebgħa li probabli għandha ż-żejt bħala legant. It-tila hi t'għamla industrijali, bi preparazjoni bajda u fina ħafna. Maħdumha b'velaturi opaki, b'impasti ta' żebgħa fil-partijiet ċari; fid-disinni bil-porporina fuq il-purtieri fl-isfond Cremona uża velaturi trasparenti ta' żebgħa fuq il-porporina biex joħloq effett tad-dell. L-istrati tal-preparazzjoni u ż-żebgħa huma tant irqaq li n-nisġa tat-tila għadha tidher fuq il-pittura. Iż-żona tas-sema hi mpittra bil-porporina.

Parti minn tarf ix-xagħar tat-tielet appostlu mix-xellug kien imħażżes ftit ikbar, u Cremona ċekknu waqt li kien qed ipittru; fil-parti li ma meliex baqgħet tidher il-preparazzjoni bajda tat-tila kif ukoll it-taħżis tad-disinn. Dan jista' jfisser li Cremona kien l-ewwel iħażżes id-disinn tal-pittura bil-lapes, u wkoll li kien jibda l-pittura jew partijiet minnha mingħajr strati preparatorji ta' żebgħa.

Hemm ukoll taħżis bil-lapes mill-artist ma' wħud mid-dijademi u l-ilsna tan-nar fuq irjus l-appostli (rit. 3), kif ukoll fid-disinn mal-purtiera kaħla fl-isfond (rit. 4); Cremona mbagħad reġa' ma mexiex eżatt ma' dan il-ħażż. Hawn jidhru d-diversi saffi taż-żebgħa fuq xulxin, jiġifieri l-ilsna tan-nar imbagħad bid-dijademi għaddejjin




Rit. 2



Rit. 3



Rit. 4

GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA



Rit. 8

fuqhom. Dan jagħti ħjiel li waqt ix-xogħol, Cremona kien jibqa' jiddisinja u jibni l-pittura saff fuq saff; dan jixhed l-estru kreattiv tiegħu.

Il-velu fuq ras il-Madonna n-naħa ta' fuq kien sa jkun ftit ikbar milli hu issa (rit. 5), waqt li n-naha t'isfel tax-xagħar tal-ħames appostlu mix-xellug kien sa jkun iqsar milli hu (rit. 6). Taħt parti mill-purtiera kaħla (fejn tmiss ma' ras ir-raba' appostlu mix-xellug) hemm bħal weraq: jista' jkun jew li f'lokha kien sa jkun hemm xi siġar jixbħu lil dawk li hemm impittra fl-isfond f'nofs il-pittura, jew inkella li xagħar ir-raba appostlu mix-xellug kien sa jkun ikbar.

Dettall kurjuż huwa l-id is-sitt appostlu mix-xellug li fiha biss erba' subgħajn.

Maż-żebgħa tal-pittura nsibu pil ta' diversi daqsijiet (4, 7, 10, 16 u 25 millimetru) li probabli ħareġ mill-pniezel waqt li l-artist kien ipitter.

Il-pittura fiha elementi oħra li mhux faċli wieħed igħid meta jew għaliex saru:

- Il-libsa griża ħdejn l-għonq tas-sitt appostlu mix-xellug fiha frak ta' folja tad-deheb imwaħħal magħha.
- L'hawn u l'hemm fuq il-pittura hemm slaleb għamla ta' X bil-lapes.
- Fit-truf fejn tibda ż-żebgħa l-pittura fiha biċċiet tawwalin tal-karti mwaħħlin li xi drabi jgħattu wkoll iż-żebgħa, u saħansitra l-firma. Kemm is-slaleb kif ukoll il-karti probabli saru meta kien qed jinħadem il-mużajk fl-Italja.
- In-naħa ta' wara l-pittura fiha taħżis li diffiċli jinqara. Taħżis jixbaħ lil dan jinsab fuq wara ta' pitturi oħra ta' l-istess grupp.

Mill-bqija l-pittura ma jidhirx li kellha xi nterventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti. Għalkemm il-pittura fil-preżent hi mrambla, xi darba kienet stirata fuq support riġidu (bħal tilar) għax it-truf jidhru li kienu mitwija u fihom ukoll toqob żgħar ta' msiemer jew ta' dak li kien qed iżommhom mas-support.



Rit. 5



Rit. 6



Rit. 7

## Stat ta' Konservazzjoni:

Il-pittura mhix fi stat ħażin ta' konservazzjoni. Għalkemm it-tila tilfet mill-elastiċita` tagħha u fiha xi taqtigħ żgħir, toqob u ksur, jidher li għadha tiflaħ iġġorr il-materja pittorika. F'xi partijiet hemm nuqqas ta' adeżjoni bejn saffi ta' żebgħa, u hemm żebgħa bi qsim ta' l-inxif. Xi rqajja ta' żebgħa waqgħu minn mal-preparazzjoni u ntilfu, iżda kollox ma' kollox is-saffi tal-pittura (żebgħa u preparazzjoni) għadhom imqabbda tajjeb flimkien u mat-tila. It-tarf tat-tila l-iktar dak orizzontali t'isfel hu mħerri u partijiet mis-saff tal-preparazzjoni ntilfu, forsi għax jidher li hawn il-pittura xi darba kienet ixxarbet. In-naħa l-wieqfa tal-lemin fiha tiċrita orizzontali twila tlettax-il ċentimetru (rit. 7). Minħabba li l-pittura kienet imrambla u jista' xi darba ġie mpoġġi fuqha xi piż tqil, il-tila u ż-żebgħa għandhom xi ksur tul l-assi li kienu mrambla fuqu.

Il-pittura għandha xi trab ħafif li nġabar fuqha maż-żmien. In-naħa ta' wara, barra t-trab, weħel magħha xi tiben li seta' ġie minn ippakkjar.

## Konservazzjoni u Restawr:

In-naħa ta' wara tal-pittura ġie mfarfar b'pinzell mit-trab u mit-tiben. L-integrita` strutturali tal-pittura għadha mhux ħażin; għalhekk ġie deċiż li jsirulha interventi lokalizzati. Partijiet dgħajfa fit-tila bħal ksur, toqob jew taqtigħ żgħir ġie msaħħaħ b'konsolidant termoplastiku. It-tiċrita ġiet imsaħħha b'roqgħa ta' tila fina ħafna fuq in-naħa ta' wara. Xi deformazzjonijiet superfiċjali li fihom ma tantx jagħtu fil-għajn, u għalhekk il-pittura ġiet miġbuda fuq tilar tal-injam b'ġonot espandibli bil-kavilji.

Wara li saru l-provi tat-tindif, in-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika. It-taħżis bil-lapes magħmul minn Cremona tħalla għax hu parti mill-materja oriġinali. Tħalla wkoll it-taħżis fuq wara għax hu parti mill-istorja u ma jtellifx mil-lettura ġenerali tal-manufatt. Il-karti mwaħħlin qrib it-truf tal-pittura



tneħħew u hekk inkixfet ukoll il-firma. Is-slaleb imsemmija ġew imnaddfa b'mod li jidhru inqas, imma mhux imneħħija għal kollox. Tneħħa l-frak tal-folja tad-deheb.

Imbagħad il-partijiet nieqsa taż-żebgħa ġew mimlija b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki; dawk bil-preparazzjoni nieqsa wkoll huma iktar fondi u għalhekk ġew l-ewwel mimlijin bi stokk. Il-partijiet nieqsa fl-isfond dehebi ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċara mill-kuntest ("a sotto tono"), u hekk il-pittura tidher iktar magħquda (rit. 8). Iż-żebgħa nieqsa li tmiss mal-firma ma ġietx mimlija ħalli l-firma tibqa' kemm jista' jkun awtentika (rit. 2).

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr sar bejn Frar u Ġunju 2007.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pittura konservata u restawrata għandha titqiegħed f'post ventilat u fejn ma tixxarrabx. Għandha tkun osservata kull sitt xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jekk maż-żmien jidher fiha xi dannu, jiġi trattat qabel ma tikber il-ħsara. ●

(ikompli minn paġna 7)

l-imħabba kbira tiegħu lejn il-Verġni Mbierka. Fost dawn insemmu dawn li ġejjin:

### ♦ It-Tliet Inkini

Din id-devozzjoni tikkonsisti filli, quddiem xbieha tal-Madonna, wieħed jagħmel inkin għal kull wieħed mill-privileġġi kbar li Hija rċeviet mit-Trinita' Qaddisa: l-ewwel inkin f'ġieħ it-Tnissil tagħha bla tebgħa; it-tieni inkin f'ġieħ il-Maternita' divina tagħha (jiġifieri li hija Omm Alla); u t-tielet inkin f'ġieħ it-Tlugħ glorjuż tagħha fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Wara li wieħed jagħmel dawn l-inkini imbagħad jitlob bil-ġakulatorja: "*Madonna, berikni u salvani.*" Dun Ġorġ kien isostni li min jagħmel din id-devozzjoni tat-Tliet Inkini jiġbed fuqu l-barka tal-Verġni Marija, u b'mod speċjali l-grazzja li dak li jkun jgħix fil-biża' ta' Alla, jiġifieri joqgħod attent li ma joffendix 'l Alla.

### ♦ Il-Madonna tal-*Verbum Dei*




Dun Ġorġ kellu devozzjoni kbira lejn l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla, jiġifieri li t-Tieni Persuna tat-Trinita' saret bniedem bħalna biex issalvana. Xerred kemm felaħ id-devozzjoni lejn il-kliem *Verbum Dei caro factum est* (= l-Iben ta' Alla sar bniedem) u anki ħoloq fl-1921 il-purċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied. Imma barra minn hekk huwa ried ixerred din id-devozzjoni permezz ta' xbieha tal-Verġni Marija fil-waqt tagħha li qiegħda taċċetta li ssir Omm Alla. Għal dan l-iskop Dun Ġorġ kien qabbad darbtejn lill-pittur Rafele Cali' (fl-1936 u fl-1948) u talbu jpinġi lill-Madonna b'idejha miftuħin beraħ u bil-kliem *Verbum Dei caro factum est* miktub fuq sidirha. Aktar tard, fuq rasha ried li jinkitbu l-kelmiet *Terror Daemonum* li jfissru Terrur (jew biża') tad-Demonji. Għax fejn tersaq Marija x-xitan jaħrab bħal sajjetta billi kienet Hi li għaffġitlu rasu bir-riġel verġinali tagħha. Inkwadru bil-pittura ta' din il-Madonna taħt dan it-titlu 'ġdid' mibdi minn Dun Ġorġ kienet ingħatat lill-Papa Ġwanni Pawlu II bħala tifkira taż-żjara li hu għamel fid-Dar Ġenerali tal-MUSEUM fid-9 ta' Mejju 2001.

### ♦ Il-Misteri tad-Dawl

Tajjeb hawn li wieħed ifakkar ukoll li Dun Ġorġ fl-1957 - preċiżament ħamsin sena ilu - ħareġ bl-idea li fir-Rużarju jibdew jingħadu ħames posti ġodda marbutin mal-ħajja pubblika ta' Ġesù. Dawn sejħilhom il-***Misteri tad-Dawl***, li aktar tard, jiġifieri fis-16 ta' Ottubru 2002, il-Qaddej t'Alla Ġwanni Pawlu II xandarhom mad-dinja kollha u sejħilhom ukoll Misteri tad-Dawl. B'hekk issa isem Dun Ġorġ ġie marbut għal dejjem mat-talba l-aktar għażiża li għandhom il-kattoliċi wara l-Quddiesa. Għal tagħrif aktar fuq dan is-suġġett ara r-rivista *Dun Ġorġ,* Nr. 42 (2002).

## Konklużjoni

Nispiċċaw din il-kitba qasira fuq id-devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn Marija billi nikkwotaw il-kliem eżatt tiegħu għar-riflessjoni tagħna: "Dawk kollha li se jsalvaw ruħhom huma l-ulied spiritwali ta' Marija, u lilha junuraw fid-dinja b'qima vera, jiġifieri b'qima mill-qalb, b'qima qaddisa kollha stmerrija lejn id-dnub, u kollha għożża għall-virtujiet." U jkompli jgħid: "Ikun tassew junura u jigglorifika 'l Marija min jirrikorri lejha għall-għajnuna biex jirbaħ l-għedewwa ta' ruħu, u biex isib permezz tagħha l-ħniena ta' Alla għad-daħla fil-glorja eterna u żgura." (Cf. *Ġinnasju Spiritwali*, n. 74) ●



# Lectio Divina

minn Dun Alex Refalo

## "Flimkien ma'... Marija, Omm Ġesu`"
(Atti 1, 14)

### LECTIO
### (Il-Qari u l-Ispjegazzjoni tal-Kelma)

Il-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli jippreżentalna l-ewwel Knisja miġbura madwar Marija. Dritt wara t-tlugħ is-sema tal-Mulej naraw x'ġara mill-ħajja ta' l-ewwel saċerdoti: *"reġgħu lura lejn Ġerusalemm... X'ħin daħlu l-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu."* Jgħidilna wkoll min kienu: *"Huma kienu: Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri, Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew, u Xmun jgħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu."* (1,12 -13). Filwaqt li Luqa fil-lista ta' l-appostli (ara 6,14-16) jsemmi lil Pietru Xmun, issa fil-ktieb ta' l-Atti hu jsemmih bl-isem proprju li tah Ġesu', bl-identitaÏ tiegħu bħala ragħaj, kap tal-merħla.

Marija kienet preżenti fil-mumenti l-iżjed importanti tal-ħajja ta' ĠesuÏ u tal-Knisja : kienet preżenti fl-**Inkarnazzjoni** (ara Lq 1,26,38); fil-**Misteru Paskwali**, taħt is-salib (ara Ġw 19,25-27) u fil-**Pentekoste**. Kif kienet hemm fil-bidu tal-ħajja ta' Ġesu' (ara l-bidu tal-Vanġelu ta' Luqa), hekk issa qed tipparteċipa fit-twelid u l-formazzjoni tal-Knisja, il-ġisem mistiku ta' Kristu u l-prolungament tiegħu fl-istorja u fl-ispazju (ara l-bidu tat-tieni ktieb ta' l-istess Evanġelista, l-Atti ta' l-Appostli).

✚ **"U lkoll qalb waħda kienu jitolbu"**: Lil dawn in-nies Ġesu' qalilhom biex ikunu nies ta' talb (ara Lq 11,1-13). Fil-fatt it-tnax *"li semmiehom appostli"* (Mk 3,14), hu għażilhom prinċipalment *"biex jibqgħu miegħu"*, jiġifieri biex ikunu nies f'relazzjoni kontinwa miegħu. Hassew li t-talb kien il-mezz li seta' jżommhom magħqudin ma' ĠesuÏ. Ikbar ma hija din ir-relazzjoni ma' ĠesuÏ iżjed huma setgħu jħossuhom marbutin flimkien.

✚ **"flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesu`"**: Marija hija l-unika persuna li tissemma minn fost dan il-grupp. Tissemma flimkien mal-ħdax l-appostlu għax teżisti rabta partikolari bejnha u bejnhom. Tissejjaħ bħala *"omm Ġesu`"*, li huwa l-istess titlu li tissemma' bih fil-Vanġelu ta' San Ġwann (ara 2,1; 19,27). Għax hija omm il-Mulej, dak li huwa *"l-kbir fost ħafna aħwa"* (Rum 8,21) hija tinsab ukoll fejn jinsabu l-aħwa l-oħra, l-ulied spiritwali tagħha! Qiegħda preżenti hemm bħala għajnuna u punt ta'

riferiment għal din il-komunitaÏ l-ġdida. Il-ħdax-l-appostlu għandhom bżonn ta' Marija biex jibqgħu magħqudin ma' l-Imgħallem tagħhom u bejniethom. Hekk l-esperjenza tiegħu magħhom u fihom setgħet tibqa' dejjem ħajja.

Marija tibqa' dak li hi: qaddejja! (ara Lq 1,38), u fl-istess waqt ċkejkna: *"iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu"* (Lq 1,48). Ser takkompanjahom biex jirċievu l-milja tad-doni ta' Alla. Il-kapitlu ta' wara jirrakkonta l-inżul fuqhom ta' l-Ispirtu s-Santu (ara 2,1-13). Kien possibbli għaliha tieħu dan ir-rwol peress li hi kienet il- *"mimlija bil-grazzja"* (Lq 1,28) u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Lq 1,35). L-Ispirtu s-Santu kien niżel fuqha ukoll waqt li kienet taħt is-salib meta Ġesu' *"radd ruħu"* (Ġw 19,30), jiġifieri meta ta l-Ispirtu tiegħu. Dak il-waqt l-Ispirtu s-Santu mlieha bil-qawwa tiegħu biex tkun tista' tħaddan il-missjoni l-ġdida li ngħatatilha f'dak l-istess mument, jiġifieri li tkun omm tad-dixxipli kollha ta' binha Ġesu': *"hawn hu ibnek"* (Ġw 19,26).

Id-doni l-kbar li Alla ried joffri lill-bniedem permezz ta' Ġesu' rabathom ma' Marija. Hekk l-ewwel grupp ta' saċerdoti jirċievu d-don imwiegħed ta' l-Ispirtu s-Santu *permezz* ta' Marija u *flimkien* ma' Marija. Kif seta' għalhekk ĠesuÏ qabel ma miet ma jagħtihomx lil Marija bħala rigal prezzjuż: *"Hawn hi ommok"* (Ġw 19,27)? Kif jista' għalhekk id-dixxiplu ta' Ġesu' jkun mifrud minn Marija? Bl-istess mod is-saċerdot u Marija huma ħaġa waħda u ma jistgħux jinfirdu minn xulxin: *"Mela dak li jgħaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem"* (Mt 19,6).

## MEDITATIO

### (Nara Alla x'irid jgħidli permezz tal-Kelma)

- Flimkien ma' Marija l-appostli qed jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu. Flimkien ma' Marija x'inhuma l-istennijiet tiegħi? X'qed nistenna mill-ħajja? X'qed nittama mill-Mulej?

- Marija qed tiggarantixxi fost id-dixxipli spirtu iktar ħaj ta' talb u ta' għaqda iżjed qawwija bejniethom. Tinsab hemm bħala għalliema ta' kif għandhom jitolbu u ta' kif għandhom iħobbu lil xulxin, ta' kif għandhom jibqgħu jingħarfu bħala dixxipli ta' Ġesu': *"Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollhom l-imħabba bejnietkom"* (Ġw 13,35). Fid-diffikultajiet li jkolli waqt il-mumenti ta' talb, b'mod partikolari meta tonqos fija l-perseveranza... u f'dawk il-mumenti ebsin ta' relazzjonijiet ma' l-oħrajn, għax ma nistedinx dejjem iżjed lil Marija tkun miegħi mhux biss bħala għalliema imma wkoll bħala omm, sieħba u mudell tiegħi?

- Ġieli ħassejtni mbiegħed minn Marija? Kif kienet ħajti f'dawk iċ-ċirkustanzi? X'nista' nagħmel jiena biex inkabbar fija d-devozzjoni lejn is-sieħba, l-għalliema, l-omm tiegħi Marija?



## ORATIO

### (Nibda nitkellem m'Alla bil-għajnuna ta' l-istess Kelma)

- Tant kemm Marija hija magħġuna mal-ħajja ta' kull saċerdot u ta' kull dixxiplu li l-Knisja fit-tradizzjoni tagħha, dejjem daħħlitha bħala parti mportanti: fir-reċita tat-talb, fil-liturġija, fl-arti... Din hija stedina oħra biex Marija tagħmel parti hekk integrali mill-ħajja tiegħi. Jekk għalija Marija tidher wisq 'il bogħod inkompli nittallab mingħand il-Mulej ħalli jagħtini d-don tal-preżenza tagħha, hu li qal *"Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom"* (Lq 11,9). Dan jissarraf f'li nħoss f'qalbi ċerta attrazzjoni lejha.

- Marija ma hijiex mara waħidha. Ma setgħetx tibqa' waħdiha. Tinsab preżenti mad-dixxipli, ma' l-ewwel saċerdoti. Kif tista' l-omm tħalli lil dawk l-ulied li għadhom fid-dar? Fil-każ tagħna id- *'dar'* hija l-Knisja , il-ġisem ta' Kristu. Jien li ninsab ġo din id- *'dar'* kif nista' ngħix mingħajr Marija? Min-naħa tagħha kif tista' Marija ma tidħolx għalija fil-bżonnijiet tiegħi? Nippreżenta lil Marija l-grazzji kollha li neħtieġ...

- Nitlob bis-salm 133 li jibda: *"Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa, li l-aħwa jgħammru flimkien"*. Nagħmel talba ta' interċessjoni għas-saċerdoti biex ikunu dejjem iktar magħqudin bejniethom *"biex hekk id-dinja temmen"* (Ġw 17,21) f'Ġesu' l-mibgħut tal-Missier. Nitlob 'il-Mulej biex Marija tidħol tgħammar dejjem iżjed fihom, hi li hija msejħa bit-titlu ta' *"Omm is-saċerdoti"*.

## CONTEMPLATIO

### (Nidħol f'relazzjoni ta' mħabba ma' Alla)

- Id-don ta' l-Ispirtu s-Santu li rċevew l-appostli fil-Pentekoste kien ifisser fost l-oħrajn qalb mimlija bl-imħabba, hena u sliem (li huma l-ewwel tliet frottiet ta' l-Ispirtu: ara Gal 5,22). Wara l-laqgħa tiegħi mal-Kelma u ma' Marija nħalli lil qalbi timtlela b'dawn is-sentimenti li jissarrfu f'serħan il-qalb, f'qalb mistrieħa bil-Mulej, mal-Mulej u fil-Mulej.

## ACTIO

### (X'ser nagħmel biex nibda ngħix din il-Kelma)

- Fil-ktieb tad-Dewteronomju nsibu dan: *"Imma din il-ħaġa hi qribek sewwa f'fommok u f'moħħok, biex tagħmilha"* (30,14). Il-Kelma li tqarrbet tant lejja illum, anzi mill-moħħ suppost daħlet fil-qalb, qed titlob minni li nagħmilha, li npoġġiha fil-prattika. X'qed tgħidli nagħmel? ●

---


***Ejja u sib il-mistrieħ... f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu, u ħalli lil Mulej ikellmek***

***Is-Santwarju Ta' Pinu qed joffri l-lokali tiegħu għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu ġurnata rtir, inkluż l-ikla ta' nofsinhar***

**Jekk tixtieq aktar informazzjoni, ċempel 2155 6187**



# Teżori f'Kitbiethom

mill-Arċipriet Carmelo Refalo

## Il-Mulej kabbar ismek fost il-ġnus kollha.

***Omm il-Mulej u s-saċerdoti fil-ħsieb ta' l-ewwel kittieba tal-Knisja.***

Fost il-kitbiet antiki li jpoġġu rapport ta' qbil u venerazzjoni lejn Marija Omm Alla u lejn l-appostli tal-Mulej u warajhom is-saċerdoti, ta' min ifakkar xi kitbiet apokrafi kemm tat-II kif ukoll tar-IV u s-VI seklu. Fil-ktieb antik dwar *It-Twelid ta' Marija* jew aħjar il-*Protovanġelu ta' Ġakbu* fit-tieni nofs tat-II seklu, l-awtur anonimu jagħmel riferiment għas-saċerdoti fit-Tempju ta' Ġerusalemm f'rabta ma' dik li meta tikber kellha tkun Omm il-Feddej. Din ir-relazzjoni bejn is-saċerdoti tat-Tempju u ċ-ċkejkna Marija, kienet issir b'attenzjoni profonda u b'venerazzjoni ta' mħabba.

Imma l-aktar li hu nteressanti huwa l-fatt li l-awtur anonimu jħobb ipoġġi fuq fomm is-saċerdoti kliem ta' barka u tifħir. Dawn il-kelmiet huma qishom l-eku tat-tislima li Elizabetta tat lil Marija fil Kantiku profetiku Lq. 1: 42, partikularment fil-versett "*Minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli ħienja*" (Lq. 1: 48). Meta ċ-ċkejkna Marija tagħlaq sena, Ġwakkin il-missier jagħmel ikla lis-saċerdoti, lill-iskribi u l-Kunsill tax-xjuħ u l-poplu ta' Iżrael:

> *Ġwakkin jippreżenta ċ-ċkejkna tarbija lis-saċerdoti u waqt li jberkuha jgħidu: "**O Alla ta' missirijietna bierek liċ-ċkejkna Marija u agħmel li dan l-isem ikun magħruf mill-Ġenerazzjonijiet kollha.**"* (6, 2)

Meta għalqet 3 snin iċ-ċkejkna Marija ġiet meħuda solennement fit-Tempju ta' Ġerusalemm:

> *Is-saċerdot laqagħha, biesha u waqt li berikha qal: "**Ha jkabbar il-Mulej l-isem tiegħek minn nisel għal ieħor. Fl-aħħar jum il-Mulej juri lil ulied Iżrael il-fidwa permezz tiegħek.**"* (7, 2)

Fl-etaÏ ta' 12-il sena Marija ġiet afdata mis-saċerdoti f'idejn Ġużeppi. Madankollu din it-tfajla dejjem baqgħet taħt għajnejhom għax waqt ix-xogħol tal-porpra u l-insiġ għat-Tempju dejjem kienu joqgħodu jaħsbu fiha. Waqt li Marija kienet tinseġ il-velu tat-Tempju li mbagħad inqasam fit-tnejn mal-mewt ta' Ġesu', Marija rċeviet it-tħabbira li kellha ssir Omm il-Messija tant mistenni matul is-sekli. Wara t-tħabbira ta' l-anġlu, Marija wasslet fit-tmiem il-qadi tagħha fit-Tempju:

> *u ħadmet il-porpra waqt li wasslitha lis-saċerdot. Is-saċerdot berikha waqt li qalilha: "**Il-Mulej Ġesu` kabbar ismek Marija u inti tkun imbierka mill-ġnus kollha ta'l-art.**"* (12, 2)

Fit-III seklu l-biblista u teologu Origene jinfurmana li skond ċerta tradizzjoni apokrifa, is-saċerdot Żakkarija, missier Ġwanni l-Battista seta' ġie maqtul għax ta permess lill-Verġni

Marija, minkejja l-projbizzjoni tas-saċerdoti, biex ara l-ħlas toqgħod titlob fit-Tempju ta' Ġerusalemm, fil-post li huwa destinat għall-Verġni, propju għaliex denja li tibqa' titlob f'dak il-post minħabba li baqgħet verġni.

Jekk inkomplu naraw fil-kotba apokrifi r-rapport bejn l-Omm ta' Ġesu' u l-appostli tal-Mulej, insibu dettal importanti meta Marija ġiet milqugħa fid-dar ta' Ġużeppi l-mastrudaxxa sabet lil Ġakbu ż-żgħir li ġie fid-dar ta' Ġużeppi minħabba li kellu qalbu maqsuma u mnikkta għax tilef lil Ommu. Minħabba f'hekk lil Marija kienu isejħulha Omm Ġakbu ż-żgħir. Fil-*Vanġelu ta' Nikodemu u dak ta' Bartilmew* jagħti deskrizzjoni datata fis-seklu VI wara t-tlugħ fis-sema tal-Mulej familjarita' kbira bejn l-appostli u Marija. Bartilmew jersaq u jgħid lil Pietru, Ġwanni u Indri: "*Ejjew insaqsu lill-mimlija bil-grazzja kif nisslet u ġarret fil-ġuf lil dak li ħadd ma jista' jġorru.*" Ikompli Bartilmew u jgħidilha: "*Sliem għalik tabernaklu ta' Alla l-għoli, aħna l-appostli nixtiequ nsaqsuk kif int ġarrejt fil-ġuf lil dak li d-dinja ma tesgħux?*" U Marija wieġbet: "*La tistaqsunix dwar dan il-misteru għax kieku kelli nitkellem dwar dan, minn fommi kien joħroġ nar li jkebbes l-art kollha.*"

Fuq kollox huwa fil-kotba apokrifi dwar it-tlugħ fis-sema ta' Marija li tidher l-intimita' kbira bejn Marija u l-appostli. Fil-ktieb *Id-Dormizzjoni ta' Marija Omm Alla* tar-IV-V seklu nsibu l-kelmiet fuq fomm l-appostlu Ġwanni: "*Marija oħtna hija l-Omm ta' dawk kollha li huma mifdija.*" (n. 28) Ta' spiss Marija titlob lill-Mulej għall-appostli. Ta' ċerta delikatezza huwa d-djalogu bejn Ġwanni, id-dixxiplu l-maħbub u Marija li waslet biex tmut. Ġwanni jiftakar fil-kelmiet ta' l-imgħallem fil-jum li fih infired minnu meta jitolbu: "*Inti sejjer u ser tħallini. Ma' min ser immur ngħammar?*" U int smajt it-tweġiba tiegħu: "*Ikun Ġwanni li jħarsek*". (n.27)

Nagħlqu b'silta meħudha mill-Isqof Ġorġ ta' Nikomedja (+880):

*Nafdaw permezz tad-dixxiplu l-maħbub lid-dixxipli kollha ta' kull żmien u sakemm hi volonta` tiegħi li inti tgħix u tibqa' magħhom biex toffrilhom il-preżenza tiegħek. Ħa tkun għalihom ilkoll dak li Omm hija għal uliedha u ħa jkunu huma dak li l-ulied huma għall-Omm.* (*Hom* 8 in *Stabant autem*: PG 100, 1475-476) •

# DONAZZJONI TA' MANUSKRITTI GĦEŻIEŻ

***Nixtiequ nirringrazzjaw minn qalbna lil Esther Camilleri, li f'Mejju rregalat lis-Santwarju Ta' Pinu manuskritti ta' omeliji u kitbiet oħra ta' Mons. Franġisk Portelli, l-ewwel rettur tas-Santwarju. Hija rregalat ukoll Bambin ċkejken li kien jappartjeni lil Franġisk Portelli, li fl-1883 sema' leħen il-Madonna Ta' Pinu.***

***Kan. Michael Galea***
***Rettur***



Xaghra Ghawdex
17 ta' Mejju, 2007

Jiena Esther Camilleri, nee Formosa mill-Gharb, nirregala lis-Santwarju ta' Pinu, il-manuskritti taz-ziju tieghi, Dun Guzepp Portelli, l-ewwel Rettur tas-Santwarju.

Nirregala wkoll statwa tal-Bambin li kien jappartjeni lil Frangisku Portelli, iz-ziju ta' Dun Guzepp Portelli u li lilhu l-Madonna kienet kellmet ghal sitt darbiet.

Jiena nixhed li Frangisku Portelli, li jigi z-ziju tan-nannu tieghi, stqarr mieghu li l-Madonna kienet kellmithu sitt darbiet. Frangisku qallu li l-Madonna talbithu biex jghid tliet Pater Noster, tliet Ave Maria u tliet Gloria Patri f'gieh il-pjaga ta' l-ispalla ta' Gesu. Frangisku kien jghid lin-nies biex jghiduhom ghaliex hekk talbet il-Madonna.

Illum il-Hamis, 17 ta' Mejju, 2007.

M. Esther Camilleri

Esther Camilleri

## Ħsibijiet Marjani



**mill-ktieb**
**ta' l-Isqof Don Tonino Bello**
**miġburin minn A.C.M.**
*Maqlub għal Malti mis-Sur Ġorġ Cassar*




# Marija li dejjem itterraq

Kieku l-personaġġi li jissemmew fil-Vanġeli ġarrew fuqhom *speedometer* kull fejn marru biex ikejlu kemm mili mxew, ikolli ngħid li Marija kienet tikser ir-rekord. Naturalment, f'ras il-klassifika, jibqa' dejjem binha Ġesu' li ħarat il-Palestina min-naħa għal oħra.

Marija, tista' tgħid, daret l-inħawi kollha tal-Palestina u kull fejn marret dejjem ħaditha bil-mixi. Terrqet mhux biss f'art twelidha imma sa qasmet il-fruntiera u mxiet sa l-Eġittu.

### Dejjem Miexja

- Hija żaret lill-qariba tagħha Eliżabbetta f'Nażaret u ġiet lura lejn darha...bil-mixi.
- Ivvjaġġat lejn Betlehem...bil-mixi.
- Marret bħala pellegrina f'Ġerusalemm biex tippreżenta lil binha Ġesu' fit-tempju... bil-mixi.
- Ħarbet, b'mod klandestin lejn l-Eġittu... bil-mixi.
- Mill-Eġittu, reġgħet lura lejn Nażaret... bil-mixi.
- Meta Ġesu' kellu tnax-il sena, marret mill-ġdid bħala pellegrina lejn it-tempju ta' Ġerusalemm...bil-mixi.
- Meta ntebħet li tilfet lil Ġesu', hija ħaffet lejn Ġerusalemm biex issibu; did-darba kellha tħuf ferm iktar...bil-mixi.
- Għamlet tliet snin sħaħ timxi ma' l-irħula ta' Ġersulemm, bit-tama li tiġi wiċċ imb'wiċċ ma' binha ĠesuÏ huwa u jippriedka u jagħmel il-mirakli.
- Fl-aħħar, wara tant vjaġġi bil-mixi, hija telgħet il-Kalvarju u hemmhekk narawha, kif jgħidilna San Ġwann l-Evanġelista, "wieqfa ħdejn is-Salib ta' binha".

Marija mxiet mili sħaħ, ma kenitx taf b'waqfien. Darba biss niltaqgħu magħha bil-qiegħda. Dan kien fit-tieġ ta' Kana. Imma hawnhekk ukoll ma qagħditx b'idejha fuq żaqqha; baqgħet timraħ bl-ispirtu tagħha. Fil-fatt, intebħet minn qabel li l-għarajjes kien naqashom l-inbid. Marija ħadet l-inizjattiva, marret fuq Ġesu' qabel kulħadd u għalkemm "is-siegħa tiegħu" kienet għadha ma waslitx, hija ndaħlet xorta waħda u dik "is-siegħa" mexxietha 'l quddiem. Ġesu', għall-amar tagħha, wera min hu: għamel il-miraklu u l-mejda faret bil-ferħ.

### Imxiet dejjem għat-telgħa

Biex tagħqad, Marija mhux biss imxiet, imma kellha timxi għat-telgħa. Naqraw f'San Luqa (1.39) meta Marija żaret lil Eliżabbetta, hija "*marret tħaffef lejn l-għoljiet*".

- Waħda mill-aħħar mixjiet tagħha kienet lejn it-telgħa kiefra tal-Kalvarju. Hija wkoll, flimkien ma l-Appostli, "*telgħet fil-kamra ta' fuq tistenna l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu.*"
- Xi mixjiet għan-niżla kellha wkoll. Wara t-tieġ ta' Kana, San Ġwann l-Evanġelista jirrakkonta

li Ġesu' *"niżel Kafarnahum, flimkien ma' ommu"*. Imma mill-bqija, dan l-evanġelista dejjem jirriferixxi għall-vjaġġ ta' Marija bil-kelma *"telgħet"*.

- Nistgħu tabilħaqq nikkonkludu li l-mixi ta' Marija huwa xbieha ta' ħajjet-il bniedem, la hi mixja għat-telgħa, ħajja kollha tbatija li fis-*Salve Regina* nxebbhħuha ma' wied ta' dmugħ.

## Talbiet

- **O Madonna tat-Triq,** kemm nixtiequ nixbħuk fil-mixi tagħna. Aħna, boloh li aħna, mhux nimxu rridu, imma niġru; niġru ġiri bla skop, niġru bla ma nafu x'irridu nilħqu, niġru bla ma jimpurtana fejn sa nispiċċaw. Inħkimna b'dil-manija ta' dal-ġiri sfrenat.

Tlifna il-boxxla u ma nafux fejn sejrin. Ġralna bħal ċiklista li spiċċa bil-katina tal-bajsikil tiegħu maqtugħa; mhux ħlief jaqdef fil-vojt, l-isforzi tiegħu m'huma jwassluh



imkien. Ir-rota ta' ħajjitna wkoll dejjem sejra ddur bla heda, imma fil-vojt.

Ħajjitna qed issir dejjem iktar assurda, toqrob lejn il-ġenn. Sirna nixbħu lil dak it-turista, iħuf 'l hawn u 'l hemm bla ma jaf fejn sejjer.

Sikwit tisma' lil min jistaqsi lilu nnifsu: *"Imma jaħasra, dal-ġiri kollu għalfejn?"*

- **Madonna tat-Triq,** għallimna napprezzaw il-ġmiel tal-ħolqien li hemm madwarna. Ja Omm ħanina, urina x'inhu tabilħaqq l-iskop ġenwin ta' ħajjitna. Għinna nsibu l-preżenza t'Alla fil-ġrajjiet li jseħħu madwarna ma' kull xemx li titla'.

- **O Madonna tat-Triq,** urina t-triq tas-sewwa, biex aħna u mexjin nagħrfu nikkomunikaw bejnietna, u mhux nibqgħu qisna għorba ma' xulxin. Nessina dil-manija tal-ġiri tagħna bla sens.

Moħħna biss biex nagħfsu dejjem iktar il-gass ħa naqbżu 'l xulxin, minn għalina, bil-ġiri żejjed tagħna, sa ngawdu iktar ħin għalina nfusna. M'aħniex nindunaw b'dak ħuna li qiegħed, biswitna jew ma ġenbna, jitlobna l-għajnuna.

Darrina nieqfu ftit ħa nagħmlu kuntatt ma' xulxin, ta' bnedmin li aħna, u hekk ngħidu kelma 'l xulxin, nifirħu b'xulxin u nibku ma' xulxin.

- **Madonna tat-Triq,** meta tarana mitluqa u għajjiena u mimlija ġrieħi, ieqaf u ersaq ħdejna. O ħelwa Samaritana, dewwilna l-ġrieħi biż-żejt tal-faraġ u bl-inbid tat-tama u erġa' erfagħna fuq riġlejna.

Minn qalb iċ-ċpar ta' dan il-wied tad-dmugħ, li fih ninsabu lkoll kemm aħna, ġegħelna ngħollu għajnejna lejn is-sema minn fejn tiġina kull għajnuna.

U mbagħad, aħna u mexjin fit-triq it-tajba li nkunu qbadna bl-għajnuna tiegħek, ħa toħroġ tidwi minn fommna l-għanja tal-Magnificat, l-għanja ta' radd il-ħajr lil Alla, l-istess kif ġara f'dik ir-rebbiegħa ta' elfejn sena ilu, meta int, O Marija *"mort tħaffef lejn l-għoljiet tal-Lhudija, għand il-qariba tiegħek, Eliżabbetta"*. ●

# Special Hand Stamp Cancellations




## 100th Anniversary Consecration Qala Parish Church - 2004







## 150 Years Dogma of the Immaculate Conception - 2004




Emvin Cremona, The Immaculate Conception, Ta' Pinu Sanctuary

# Special Hand Stamp Cancellations with Marian Connection

## *2004*

100 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA PARROKJALI QALA
1904 - 2004
100 Anniversary of the Consactarion of the Qala Parish Church

Maltapost issued a special handstamp on 8th May 2004 to commemorate the 100 Anniversary of the Consagration of the Qala Parish Church. The Postmark consists of the Symbol the Virgin Mary under the title of the Immaculate Conceptions and that of Saint Joseph, to whom this parish is dedicated. The church was bulit between 1881 and 1891 and was consagrated by the Bishop of Gozo Mgr. Giovanni Maria Camilleri O.S.A.

The postmark was designed Mr. Anthony Grech, a member of the Gozo Philatelic Society.

## *2004*

100 YEARS OF THE DOGMA OF THE IMMACULATE CONCEPTION
7 - 12 - 2004.

Maltapost p.l.c. issued a Special handstamp cancellation from Victoria Sub Post Office on 7th. December 2004 to commemorate the 100 anniversary of the Dogma of the Immaculate Conception. Apart from the wording, the postmark in a double rectangular design depicts a representation of the statue of the Immaculate Conception venerated at the Saint Francis Church of the Franciscan Conventual Friars, Victoria Gozo.The handstamp was designed by George Vella.

Pope Pius IX defined *ex cathedra* the Dogma of the Immaculate Conception on 8 December 1854. The Pontiff stressed that Mary's sinlessness was not due to her own merits, but truly, by the merits of her son, Jesus. "We declare, pronounce and define that the doctrine which holds that the Blessed Virgin Mary, at the first instant of her conception, by a singular privilege and grace of the Omnipotent God, in virtue of the merits of Jesus Christ, the Savior of mankind, was preserved immaculate from all stain of original sin, has been revealed by God, and therefore should firmly and constantly be believed by all the faithful.''

Simply stated, Mary possessed sanctifying grace from the first instant of her existence and was free of the lack of grace caused by the "original or first sin'' at the beginning of human history.

## 2005

IN MEMORIAM - ĠWANNI PAWLU II
(DEATH OF POPE JOHN PAUL II)
15 - 04 - 2005

On the sad occasion of Pope John Paul II death Maltapost p.l.c. issued a stamp and a special handstamp which apart from the wording was similar to the one issued in 2001 0n the occasion of his visit to Malta. The Hand stamp used to cancel the first day of issue was designed in a double ring with the pope's coat of arms in the middle. This coat of arms incorporates the letter 'M' which stands for Mary. Everyone knows the great devotion this Great Pope had for the Holy Mother, so much so that he dedicated himself to her with his motto 'Totus Tuus'.All post outlets on the islands were issued with this hand stamp which as usual bore the village or town's name according to where it was used.

On April 2, 2005 at 9:37 p.m. local time, Pope John Paul II died in the Papal Apartments while a vast crowd kept vigil in Saint Peter's Square below. Millions of people flocked to Rome to pay their respects to the body and for his funeral. The last years of his reign had been marked by his fight against the various diseases ailing him. On May 9, 2005, Pope Benedict XVI, John Paul II successor, waived the five year waiting period for a cause for beatification to be opened.

## 2005

F'Għeluq it-350 Sena mit-twaqqif tal Parroċċa ta' Ħal-Balzan
1655-14 August - 2005
Balzan Malta.

On the occasion of the 350 Anniversary of the erection of the Balzan Parish with the insistence of the late Mr. Anthony Fenech, a great philatelic expert from the same village, Maltapost plc issued a special rectangular handstamp from the Balzan Malta post office. The handstamp shows a design of the old and new Parish Church of Balzan.

The parish church, built in the mid-17th century, is dedicated to the Annunciation of Our Lady. The first building stone of today's Parish Church, dedicated to Our Lady of Annunciation, was laid in 1669. Architectural plans for this church, in the shape of a Latin Cross, began in 1665. The church has one belfry and an elegant dome that can be seen from all around the village. The church is built on a Tuscan style from the outside and Doric on the inside. The statue used in the village feast celebrated on the 2nd week of July, is carved in wood by Salvatore Dimech. In this church many artistic treasures are found, works by famous painters such as Giuseppe Calleja, Chev. Emvin Cremona and Paul Camilleri Cauchi.

*Anthony Grech*

*References*
*The Malta Stamp,* Official Buletin of the Philatelic Bureau.

# Special Hand Stamp Cancellations




## In Memoriam
## John Paul II 2005







## 350 Anniversary
## Hal Balzan Parish 2005





# Kliem Għalik

*mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi*

## Is-Salve Regina

Is-Salve Regina, hija innu ta' tifħir lill-Madonna, bħala Omm tal-Ħniena, u avukata li tgħin lill-insara, matul l-eżilju tagħhom fuq din l-art u talba ħerqana lilha.

Is-Salve Regina tirrifletti perfettament il-mentalitaÏ u l-atteġġjament tal-insara medievali lejn Marija, il-fiduċja sħiħa tagħhom fiha, l-Omm tal-ħniena, li lilha wlied Eva fl-eżilju jirrikorru u jafdaw lilhom infushom u jqiegħdu lilhom nfushom taħt il-ħarsien tagħha għax hija l-ħajja, il-ħlewwa u t-tama tagħhom, kollha setgħa bħala avukata (difensura) tagħhom quddiem Alla, u bħala Medjatriċi bejnhom u Kristu, li Hija turih lilhom meta jintemm l-eżilju ta' din id-dinja.

Din l-antifona marjana ġiet miktuba minn awtur mhux magħruf tas-seklu ħdax, jiġifieri ma nistgħux ngħidu b'ċertezza min kitibha. Fl-imgħoddi kien hemm ħafna li kienu jaħsbu li kitibha San Bernard ta' Clairvaux, (1090-1153) iżda studjużi moderni, huma tal-fehma li nkitbet żmiem qabel, qrib it-tmiem tas-seklu ħdax jew il-bidu tas-seklu tnax. Jissemmew ukoll, bħala awturi tagħha l-Isqof Pietru ta' Compostella u anki l-Isqof Ademaro ta' Puy. Huwa probabbli ħafna, iżda, li kemm il-kliem kif ukoll ir-ritmu antik tagħha, ħoloqhom Ermanno Contractus, patri Benedittin ta' Reichenau, li miet fl-1054. Is-Salve Regina ma damitx ma saret popolari ħafna u mat-tmiem is-seklu ħdax, kienet digaÏ saret magħrufa kważi kullimkien fil-Knejjes tal-Punent.

Il-kant tas-Salve Regina, kien fuq fomm is-suldati, immexxija minn Ademaro ta' Puy li ħadu sehem fil-kruċjati, biex jiddefendu l-Art Imqaddsa. Din it-talba ġiet imsejħa wkoll *"cantio nautica"* għaliex il-baħrin li kienu jsalpaw mix-xtajta ta' Spanja, kienu spiss ikantawha.

Is-Salve Regina kienet ġiet ikkritikata bl-aħrax mill-Protestanti għaliex fiha l-Madonna hija msejjħa, "sultana u omm tal-ħniena", kif ukoll "ħajja u tama tagħna". Kemm it-Teologu Ġiżwita Francisco Suarez kif ukoll il-Kardinal San Roberto Bellarmino iddefendew s-Salve Regina kontra l-Protestanti.

Saru diversi kummenti tas-Salve Regina, fosthom dak ta' San Pietru Canisio, fil-ktieb *"De Virgine Incomparabili"* kif ukoll dak ta' Sant'Alfonzu Marija de Liguori, isqof ta' Sant' Agata dei Goti, fil-ktieb tiegħu *"Le glorie di Maria"* li fiħ żewġ taqsimiet; l-ewwel waħda hija tifsir fuq is-Salve Regina, u fit-tieni parti hemm tagħlim fuq il-misteri tal-ħajja tal-Verġni Marija u fuq il-festi tagħha.

### Is-Salve Regina fil-Liturġija

Hija ġiet imdaħħla fis-servizz liturġiku fl-Abbazija ta' Cluny madwar is-sena 1135. Pietru il-Venerabbli, Abbati ta' Cluny (+1156) għamel ħiltu kollha biex irawwem id-devozzjoni marjana fl-Ordni tiegħu. Fl-istatuti tal-Kongregazzjoni ta' Cluny huwa ordna fost l-oħrajn li s-Salve Regina tiġi kantata fil-festa ta' l-Assunzjoni, matul il-proċessjoni.

Iċ-¬isterċensi, sa mill-1251 bdew jirreċitawha ta' kuljum wara l-kompjeta. Il-Franġiskani daħħlu dan l-użu qrib is-sena 1249. Il-kapitlu ġenerali tad-Dumnikani, li nżamm f'Limoges, fis-sena 1250 iddeċieda li s-Salve Regina għandha titkanta ta' kuljum, fil-għaxija, fi tmiem l-Uffiċċju Divin mill-membri ta' dak l-Ordni Reliġjuż.

Il-Papa Girgor IX fl-1239, ried li dik l-antifona titkanta fil-knejjes kollha ta' Ruma, kull nhar ta' ġimgħa, wara l-uffizzju. Fl-1350, il-Papa Klement VI daħħal dan l-użu fir-reċita tal-Brevjar Ruman.

Skond id-digriet tal-Papa Ljun XIII, tas-6 ta Jannar 1884 is-Salve Regina, kienet tiġi reċitata fi tmiem kull Quddiesa letta, bħala talba għall-konverżjoni tar-Russja; iżda din id-drawwa waqfet mar-riforma Liturġika ta' wara l-Konċilju Vatikan II.

## Tifsir

- ***Sliem għalik, Sultana***: Din it-talba tibda bl-istess kelmiet li bihom, l-Arkanġlu Gabriel b'rispett profond, sellem lil Marija meta dehrilha f'Nazareth u ħabbrilha li kellha ssir Omm Alla: "Sliem għalik'' (Lq.1,28). Minn dan aħna nitgħallmu li għandna nirrispettawha u nqimuha u fl-istess ħin, b'fiduċja kbira nressqu quddiemha x-xewqat u t-talbiet tagħna.



Kif josserva San Robertu Bellarminu, bir-raġun kollu, il-Madonna tissejjaħ Sultana, ladarba hija Omm Kristu, is-Sultan tas-slaten, li lilu, kif ġie mħabbar mill-Arkanġlu Gabriel il-Mulej Alla, ser jagħtih "it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu'' (*Lq*.1,32-33).

- ***Omm tal-ħniena***: M'hemm ebda raġuni ghaliex ma ghandhiex tissejjaħ "Omm tal-Ħniena'', la darba hija welldet lil Kristu, li minnu nirċievu l-ħniena. Dwar il-maternita' spiritwali tal-Madonna, il-Konċilju Vatikan II (Lumen Gentium, n.23) jgħidilna; "Hija, tassew l-Omm tal-membri kollha ta' Kristu, għaliex hija ikkooperat bl-imħabba tagħha għat-twelid fil-Knisja ta' l-insara, li huma membri ta' l-istess ras''.

- ***Ħajja, ħlewwa tama tagħna***: Insejħulha ħajja tagħna, mhux għaliex hija l-ħajja, fl-essenza tagħha, kif inhu Alla u l-anqas bħala l-ghajn ewlienija tal-ħajja, li hu Kristu iżda għaliex hija tatna lil Kristu u permezz tiegħu hija saret omm ta' dawk kollha li jgħixu bil-ħajja spiritwali. Għaliex hija omm t'Alla u bit-talb tagħha takkwistalna l-ħajja spiritwali, aħna nsejħulha tama tagħna, u anki salvazzjoni tagħna, peress li hija tinterċedi għalina.

Kristu qal "ħenjin ta' qalbhom ħelwa għax huma jkollhom b'wirthom l-art'' (*Mt*.5,5). Il-Madonna kellha wkoll din il-beatitudni u hija kollha ħlewwa magħna u mal-bnedmin l-oħra.

Francesco Suarez isejħilha tama tal-midinbin u hena u salvazzjoni tad-dinja, u anki reparatriċi u medjatriċi, iżda mhux bl-istess tifsira li ngħiduhom lil Alla, lilu nitolbuh jagħmel għalina dak li nixtiequ, lilha sabiex tinterċedi għalina.

- ***Sliem għalik, lilek li ngħajtu***: Aħna lill-Madona mhux biss inqimuha iżda wkoll ninvokawha u nsejħulha biex tagħtina l-għajnuna. Iżda biex il-qima tagħna lejn Sidna Marija tkun sħiħa jeħtieġ ukoll li nagħmlu ħilitna biex nimitawha.

- ***Għax aħna tturrufnati,***: Wara li Adam u Eva waqgħu fid-dnub il-bnedmin ġew imkeċċija

mill-ġenna ta' l-art u f'din id-dinja qegħdin biss għal ftit taż-żmien kif naqraw fl-ittra lil-Lhud "għax aħna hawnhekk ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem iżda qegħdin infittxu dik li għad trid tiġi" (*Lh.*13,14) jiġifieri il-ġenna pajjiżna.

- ***Wlied Eva lilek nitniehdu***: Minħabba id-dnub li għamlu l-ewwel ġenituri tagħna, Adam u Eva, huma tilfu mhux biss il-grazzja jew il-ħbiberija ma' Alla imma wkoll id-doni li kien tahom Alla bħal ma hija l-ħlusija mit-tbatija, mill-mard u mill-mewt. Għalhekk il-qagħda tagħna f'din id-dinja mhix waħda ta' ferħ u ta' hena iżda waħda ta' niket u biki.

- ***Aħna li nibku u nolfqu***: Kristu reġa' kisbilna l-ħajja tal-grazzja iżda d-doni preternaturali intilfu għal dejjem. Għalhekk hija x-xorti tal-bnedmin illi jibku u jolfqu meta jkunu milqutin mill-uġiegħ jew minn xi tribulazzjoni oħra. Kristu qalilna "ħenjin dawk li jibku għax huma jkunu mfarrġa" (*Mt.*5,4). Mhux kull biki u dwejjaq jgħinuna biex nikbru fil-qdusija, iżda biss dak li naċċettawh bis-sabar u f'għaqda mar-rieda ta' Alla.

- ***F'dan il-wied tad-dmugħ***: Din l-espressjoni, li nużawha ta' spiss anki fil-konversazzjonijiet tagħna, tiġbor fiha esperjenza qarsa, tal-għawġ u l-hemm li ninsabu imdawwrin bihom f'din il-ħajja. Biżżejjed insemmu l-perikli tar-ruħ u tal-ġisem, u l-ħsarat li nġarrbu ta' spiss u li jġiegħluna nsofru u nibku. Alla, lit-tajbin li jidħlu fil-ġenna, wara li joħorġu minn dan il-wied tad-dmugħ "jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel" (Ap,21,4) u jagħtihom il-premju ta' dak li ġarrbu biex jibqgħu dejjem fidili lejh.

- ***Ejja, mela avukata tagħna, (advocatum habeamus coram patre)***: "Fil-Knisja, il-Verġni Mbierka tissejjaħ bl-ismijiet ta' avukata, Awżiljatriċi, għajnuna, Medjatriċi. Madanakollu ħadd ma għandu jaħseb li b'daqshekk qiegħda titnaqqas jew tiżdied xi ħaġa fil-kobor u l-qawwa ta' Kristu, li hu waħdu l-Medjatur" (*Lumen Gentium*, n.62). San Ġwann dwar Kristu jgħid "Jekk xi ħadd jidneb, aħna għandna Avukat (Difensur) quddiem il-Missier" (*I Ġw.*2,1) għaliex Huwa l-Medjatur li fdiena biċ-ċarċir ta' demmu, iżda dan ma jeskludix il-funzjoni subordinata ta' Marija, fil-medjazzjoni unika ta' Kristu.

- ***Dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena***: B'dan il-kliem, aħna nuru x-xewqa tagħna, li l-Madonna, bħal Omm l-iktar ħanina, iżżommna dejjem taħt il-protezzjoni qawwija tagħha, u tmexxina lejn il-ġenna.

- ***U wrina, wara dan it-turrufnament***: L-appostlu Missierna San Pawl jgħidilna li dment li qegħdin ngħixu fuq din l-art, bil-ġisem tagħna li jmut "aħna nitniehdu, mxennqa li nilbsu fuq din l-għamara tal-ġisem l-għamara l-oħra tas-sema" (*2 Kor.*5,2) u jkompli jfakkarna li "sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej" (*2 Kor.*5,6).

- ***Lil Ġesu`, frott imbierek tal-ġuf tiegħek***: F'dawn il-kelmiet, inħossu jidwu t-tislima u t-tifħir li Eliżabetta, tat lill-Verġni Marija, qariba tagħha, meta qaltilha "Imbierka Inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek" (*Lq.*1,42).

- ***ħanina, o pija, o ħelwa***: Din l-invokazzjoni, li biha tagħlaq is-Salve Regina, ġiet miżjuda minn San Bernard fil-vġili tal-Milied tal-1146, meta l-Imperatur Corrado, żar il-kattedral ta' Spira u hija espressjoni mill-isbaħ ta' l-imħabba kollha ħeġġa li kellu l-qaddis, lejn il-Verġni Mbierka. San Amadew, Isqof ta' Lausanne, (*Omelija*, 7) dwar il-Madonna jgħid "l-Għarusa, Omm l-Għarus waħdieni, kollha ħlewwa u għożża u għaxqa, tniżżel mis-sema xmajjar ta' sliem u xita ta grazzi".

- ***Verġni Marija***: Meta Alla, għażel 'l Marija biex tkun Omm l-Iben tiegħu magħmul bniedem, kif jikkummenta San Bernard "Huwa ried li jkun hemm verġni bla mittiefsa u kollha kemm hi safja biex minnha jiġi fid-dinja l-Mulej kollu kemm hu safi, ħa jagħti s-safa lill-bnedmin mittiefsa". ●



# mid-Dinja Marjana

minn Esther Bajada

## Kampanja favur il-Ħajja Umana

L-argumenti ta' l-abortisti qatt ma fhimtom u jekk nibda ngħid għalfejn intawwal wisq. Insemmi raġuni waħda: it-tarbija mwielda hija t-tarbija li kienet fil-ġuf. Għall-abortisti, is-satra tal-ġuf taħbi l-ħajja umana u tpoġġi fuq quddiem l-hekk imsejjaħ 'dritt' tal-bniedem adult fuq il-ħajja li għada qed tifforma. Naraha bħala waħda mill-ikbar falsitajiet ta' żmienna din ta' l-abort - għax filwaqt li l-bniedem għamel passi 'l quddiem fix-xjenza bil-għan li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja tiegħu, ifettaq b'argumenti dgħajfa fuq meta tibda l-ħajja umana biex jiskuża l-qtil ta' tfal fil-ġuf.

*It-tarbija fi ħdani qabżet bil-ferħ.* Djoċesijiet madwar l-Istati Uniti osservaw, fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru, 'Ħadd ta' Rispett Lejn il-Ħajja' li din is-sena se jkollu t-tema "It-tarbija fi ħdani qabżet bil-ferħ". L-iskop kien li tul din il-ġurnata jsir talb favur il-ħarsien tal-ħajja. Il-Kardinal Rigali, Chairman tal-Kumitat li jorganizza attvitajiet favur il-ħajja fi ħdan il-Konferenza Episkopali ta' l-Istati Uniti, fakkar fir-rakkont tal-laqgħa tal-Madonna ma' Eliżabetta. Huwa qal li f'dak iż-żmien il-ħarsien tat-tarbija fil-ġuf ma kienx suġġett ta' diskussjoni. Illum, qal, teżisti konfużjoni dwar il-ħajja fil-ġuf. F'April li għadda, il-Qorti Suprema kkonfermat l-illegalita' ta' l-hekk imsejħa *partial birth abortions* - aborti li jseħħu wara s-seba' xahar tat-tqala u li jinvovlu proċedura makabra li fiha t-tarbija tinqatel mit-tabib li jżommha nofsha barra u nofsha ġewwa l-omm. Rigali qal li mbagħad, il-Qorti Suprema fi New Jersey ħarġet b'deċiżjoni oħra: li m'hemmx mod kif jiġi stabbilit meta tibda l-ħajja umana. F'kultura kkaratterizzata minn tant konfużjoni, il-Kattoliċi fl-Istati Uniti ġew imħeġġa josservaw ġurnata ta' talb u riflessjoni dwar id-dinjita' tal-ħajja umana u d-dritt ta' kull individwu għall-ħajja.

## Kungress Internazzjonali dwar id-dinjita' tal-mara

Il-Kunsill Pontifiċju tal-Lajċi beda t-thejjijiet għall-kungress internazzjonali 'Mara u Raġel, Dak li Jagħmel l-Umanita' Sħiħa'. Il-Kungress se jkun organizzat bejn is-7 u d-9 ta' Frar li ġej fl-okkażjoni ta' l-għoxrin sena mill-ittra appostolika ta' Papa Ġwanni II, dwar id-dinjita' tan-nisa. F'din il-laqgħa mistennija jieħdu sehem madwar 250 delegat mid-dinja kollha biex jiddiskutu sitwazzjonijiet differenti ta' nisa f'kulturi differenti, il-promozzjoni tad-dinjita' tan-nisa fl-Asja u f'soċjetajiet konsumisti tal-Punent. Anke l-ittra ta' Papa Ġwanni Pawlu għandha terġa' tiġi diskussa f'dan il-Kungress, kif ukoll temi oħra bħal Marija u n-nisa tal-Vanġelu, u l-viżjoni Kristjana u l-antropoloġija feminili.




## Mejju 2007

**L-Erbgħa, 2:** Bdew l-Erbgħat tal-Madonna Ta' Pinu, ħmistax il-Erbgħa ta' preparazzjoni spiritwali għall-festa ta' l-Assunta. Kull nhar ta' Erbgħa kienet ġurnata ta' pellegrinaġġi, quddies u Adorazzjoni Ewkaristika. Is-Sanwarju kien jiftaħ il-bibien tiegħu fl-4.30 ta' filgħodu u jibqa miftuħ sal-11.00 ta' bil-lejl. Din is-sena fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, bħala suġġetti għal dawn il-jiem ġew meħuda siltiet dwar il-Verġni Marija mill-ktieb ta' Dun Ġorġ, *il-Benedicta.*

**Il-Ġimgħa, 11:** Saret quddiesa ta' radd il-ħajr, fil-kappella tal-Madonna, mis-saċerdoti Fr George Farrugia, fl-okkażjoni ta' għeluq id-90 sena ta' Esther Camilleri mix-Xagħra, Għawdex.



**Is-Sibt, 12:** L-Arċisqof Nicholas Chia minn Singapore, mexxa pellegrinaġġ ta' persuni mid-djoċesi tiegħu lejn is-santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Din kienet l-ewwel żjara tagħhom f'Malta.

**L-Erbgħa, 16:** AttivitaÏ annwali organizzata għall-persuni mid-Dar tal-Providenza. Dawn kienu mmexxija minn Sr. B. Bezzina, fejn sar xi talb u wara r-rettur tas-Santwarju Fr. Michael Galea qaddes il-quddiesa għalihom.

**It-Tnejn, 21:** Dun Franġisk Saliba qaddes quddiesa ta' ringrazzjament u għamel talb ta' interċessjoni għall-bżonnijiet ta' żewġ persuni. Wara nofs in-nhar inġabru fis-Santwarju Ta' Pinu t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto, ta' Għajnsielem. It-tfal kienu akkompanjati mill-katekisti u anke xi ġenituri kienu b'kollox 25 tifel u tifla. Iż-żjara lill-Madonna Ta' Pinu sabet il qofol tagħha fil-quddiesa ta' ringrazzjament li ġiet iċċelebrata mill-Arċipriet Fr. Frank Bajada.



**Is-Sibt, 26:** Fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu saret ċelebrazzjoni speċjali għas-seminaristi tad-Djoċesi tagħna, fiha d-djakni **Michael Curmi u Joshua Muscat**, bħala preparazzjoni għall-ordinazzjoi saċerdotali tagħhom għamlu l-istqarrija tal-fidi, flimkien mad-dikjarazzjoni u wegħda taċ-¬elebat fil-preżenza tas-superjuri u sħabhom is-seminaristi. Fi tmiem il-quddiesa huma talbu l-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu fil-bidu ta' dan il-ministeru saċerdotali tagħhom. L-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom saret fil-Katidral ta' Għawdex mill-Eċċ. Tiegħu Mons Mario Grech.

**It-Tnejn, 28:** Saret quddiesa ta' radd il-ħajr u talb ta' fejqan, mis-saċerdoti Fr. Claude Borg u Fr. Charles Pulis.

*Pellegrinaġġi*

**It-Tnejn, 7:** Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Għanjsielem u li kien imexxi minn P. Michael Attard,

**L-Erbgħa, 9:** F'dan it-tieni Erbgħa, l-istudenti tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesu', żaru s-Santwarju f'pellegrinaġġ, fl-okkażjoni ta' attivitaĭ Marjana għax-xahar ta' Mejju u tat-tifkira tal-Beatu Ġorġ Preca. Kienu taħt it-tmexxija tad-direttur spiritwali ta' l-iskola Fr Edward Vella. Fl-istess jum madwar 60 studenta, mill-iskola ta' St Joseph, Blata l-Bajda, immexxija minn Daphne Debono, żaru s-Santwarju u għaddew x'mumenti ta' talb fil-kappella tal-Madonna ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 10:** Pellegrinaġġ ieħor sar mill-*Ladies Circle, Millennium Chapel,* St Julians. Pellegrinaġġ minn grupp ta' saċerdoti ġermaniżi, li wara li ċċelebraw l-Ewkaristija poġġew wkoll it-talbiet tagħhom u poġġew il-parroċċi tagħhom taħt il-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu. L-aħħar pellegrinaġġ kien dak organizzat mill-kunsill lokali ta' l-Iklin, Malta.

**Il-Ġimgħa, 11:** Grupp ta' 109 persuni mall-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, waslu f'pellegrinaġġ, immexxija minn Charles Mifsud.

**Is-Sibt, 19:** L-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Ordni Sovran Militari ta' Malta organizzat il-Pellegrinaġġ annwali tal-morda u l-anzjani. Il-morda ġew milqugħa fis-Santwarju Ta' Pinu minn Mons. Ġwann Dimech, sar għalihom xi talb u wara ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija mill-Eċċ. Tiegħu. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex.

**Il-Ħadd, 20:** Fr. R. Cassar mexxa l-pellegrinaġġ tal-*Grufan ta 'Kana*, Malta.

**It-Tlieta, 22:** Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, taħt it-tmexxija tal-Viċi Sindku tal-lokal Ms. Doris Borg, orrangizaw pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu. F'dan il-pellegrinaġġ ta' talb ħadu sehem madwar 100 persuna.

**Il-Ħamis, 24:** Pellegrinaġġ ieħor kien dak organizzat mill-Parroċċa ta' Moresso, mid-Djoċesi ta' Milan. Il-pellegrinaġġ kien taħt it-tmexxija tal-kappillan tagħhom Don Roberto, u ħadu sehem fih 50 persuna. Dawn urew wkoll ix-xewqa tagħhom li jkunu jistgħu jerġgħu jiġu fis-Santwarju Ta' Pinu u jorganizzaw irtir Marjan ta' ġimgħa.

**Is-Sibt, 26:** Pellegrinaġġ organizzat minn Olga minn Verona, li ħalliet miktuba talba lill-Madonna, li f'dan il-post ta' paċi tħoss il-preżenza tagħha. Talbitha l-protezzjoni tagħha fuq id-dinja, fuq il-Knisja. Talbet ukoll għal Malta u Għawdex, biex jikbru fl-għożża tal-fidi. Fl-istess jum Fr. Apap f'isem il-**Moviment Era Ġdida (MEĠ)** u l-**Piccola Famiglia di S. Francesco u Padre Pio**, 'Iċċelebra l-quddiesa b'Ħajr lill-Verġni Mbierka Marija.

**It-Tlieta, 29:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' S. Andrija, Ħal Luqa, taħt it-tmexxija tal-Kappillan Dun Karm Camilleri.

**Il-Ħamis, 31:** F'dan il-jum waslu fis-Santwarju tliet pellegrinaġġi. Wieħed kien mill-Parroċċa ta' Sant' Elena, Birkirkara, magħmul minn grupp ta' anzjani, immexxi mil-Kan. Dun Pawl Gauci. Pellegrinaġġ ieħor sar mit-tfal u l-i*staff* ta' l-iskola 'St Frances', tar-Rabat, Għawdex. Iċċelebra l-quddiesa Dun Ġużepp Gauci, Direttur Spiritwali ta' l-iskola. Waqt li l-aħħar grupp kien dak ta' l-Azzjoni Kattolika tan-nisa mill-parroċċa tas-Siġġiewi, immexxija mill-Presidenta Bice Balzan.

## Ġunju 2007

**Is-Sibt, 2:** **Il-Fergħa Ewkaristika**, mexxiet mument ta' Talb, flimkien maċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Sibt tax-Xahar. Mexxa Dun David Attard.

**L-Erbgħa, 6:** Illum seħħet ġrajja unika għax f'dan il-jum waslet f'dan is-Santwarju ir-relikwa tad-demm tal-Qaddis San Ġorġ Preca, l-istess waħda li ntużat fil-kanonizzazzjoni tiegħu ġewwa il-Belt tal-Vatikan mill-Qdusija Tiegħu, il-Papa Benedittu XVI, nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju 2007. *Deo gratias et Mariae.* Jiffirma l-ktieb tal-vizitaturi Mons Charles Scicluna, li mexxa l-kawża għall-kanonizzazzjoni ta' dan il-qaddis, l-ewwel qaddis Malti. Is-santwarju baqa' miftuħ il-lejl kollu għal dawk kollha li xtaqu jitolbu fil-preżenza ta' din ir-relikwija.







**It-Tlieta, 12:** Ġiet iċċelebrata Ewkaristija mad-djakni Maltin li ser jiġu ordnati saċerdoti din is-sena. Mexxa l-Ewakaristija Dun Anton Teuma, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu', Għawdex.

F'dan il-jum żaru is-Santwarju l-Grupp tal-Vokazzjonijiet Franġiskani Konventwali ta' Malta, taħt it-tmexxija ta' Fr Antoine Apap ofm conv.

**L-Erbgħa, 13:** L-E.T. Mons Mario Grech, isqof ta' Għawdex, qaddes quddiesa li fiha ħadu sehem grupp mill-**Għargħur**, Malta, immexxi mill-Kunsillier Alfred Muscat.

**Is-Sibt, 16:** Grupp Tiġdid tal-Ħajja Kkonsagrata, li jikkonsisti minn grupp ta' reliġjużi mill-kongregazzjonijiet kollha f'Malta, flimkien ma' Patri Elija Vella ofm conv, għamlu ż-żjara annwali tagħhom f'Għawdex u f'dan is-Santwarju.

Illum wkoll għamlu nofs ta' nhar irtir, fis-Sala tas-Santwarju, il-Grupp ta' Katekeżi ta' l-Adulti, mill-Parroċċa ta' Kerċem. Mexxa l-irtir l-Prof. Edward Warrington.

**It-Tlieta, 19:** Fr Michael Galea, Rettur tas-Santwarju ta' Pinu, flimkien ma' Dun George Frendo u Dun Karm Gauci, Arċipriet ta' l-Għarb, qaddsu flimkien ma' Mons Isqof Mario Grech, f'quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni ta' l-għeluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom. Fl-istess quddiesa ngħaqdu il-ġenituri u qraba ta' dan is-saċerdoti, fosthom il-ġenituri ta' Dun Michael Galea li kienu qed jiċċelebraw il-50 Anniversarju taż-żwieġ tagħhom.





**Il-Ġimgħa, 22: Jum il-Festa tas-Sejħa tal-Modonna Pinu**



F'dan il-jum is-serbut ta' pellegrini ma qata' xejn, minn sbieħ il-għodwa sa wara nżul ix-xemx. Jum li wera għal darba oħra l-imħabba li għandhom il-Maltin u l-Għawdxin għall-Madonna. Kienu bosta li anke terqu bil-mixi lejn dan is-Santwarju għażiż, bl-ewwel pellegrinaġġi jaslu fl-4.30 ta' filgħodu. Fid-9.00 a.m. sar l-Pontifikal immexxi mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech u fit-tmiem il-quddiesa mexxa is-Supplika tal-Madonna Ta' Pinu flimkien mal-Barka Sagramentali. Filgħaxija imbagħad sar Pontifikal ieħor din id-darba immexxi mill-Isqof emeritus ta' Għawdex, Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Radju Marija għamel trasmissjoni diretta taż-żewġ pontifikali u tas-supplika waqt li Radju R.T.K ittrasmetta s-supplika u l-pontifikal ta' filgħaxija.

Fost il-pellegrinaġġi f'dan il-jum kien hemm dak mill-**Parroċċa ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa**, fit-**33 Anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali** tal-Kappillan Dun Karm Camilleri, u dak mil-***Lilian Group*** (Caritas), Malta, li kien fih 25 persuna.



**It-Tnejn, 25:** F'quddiesa ta' Radd il-Ħajr, fis-Santwarju Ta' Pinu, Dun Eddie Zammit, Dun Franġisk Sultana u Dun Ġorġ Cordina ċċelebraw l-24 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom fil-Katidral t'Għawdex,

**It-Tlieta, 26:** Din id-darba tliet saċerdoti minn Malta fosthom Fr Reuben Deguara minn Ħal Tarxien u Fr Noel Vella, San Girgor, Sliema, iċċelebraw l-10 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom, li sewwa sew jaħbat nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju. Dak inhar kienu 10 saċerdoti. Ġew fis-Santwarju tal-Madonna, kif ħallew miktub huma, sabiex jirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna ta' dak kollu li għamlu magħhom u permezz tagħhom mal-poplu t'Alla.

**L-Erbgħa, 27:** Dun Alex Refalo, Dun Michael Xuereb u Dun Gerard Buhagiar qaddsu quddiesa ta' radd il-Ħajr fl-20 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali. Il-quddiesa kienet immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech, Isqof t'Għawdex, fejn huwa ħeġġeg lil dawk preżenti biex jitolbu dejjem għal aktar vokazzjonijiet. Fl-istess jum Dun Effie Masini, iċċelebra s-26 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali, b'quddiesa ta' Radd il-Ħajr.

***Pellegrinaġġi***

**Il-Ħamis, 7:** Pellegrinaġġ ta' l-anzjani mid-*Day Centre* ta' Santa Venera, taħt it-tmexxija ta' Fr Roberto Farrugia u Ms Sina Mifsud. Nitolbu lill-Madonna Ta' Pinu biex fil-punt tal-mewt tagħna, tkun qrib tagħna u tkun hi li twassalna quddiem Binha Ġesù.

**Is-Sibt, 9:** Pellegrinaġġ ta' madwar 200 persuna, organizzat mix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, Mosta.

**It-Tnejn, 11:** Pellegrinaġġ organizzat għall-membri tad-*Day Centre* ta' Bormla.

**It-Tlieta, 12:** Saru diversi pellegrinaġġi; dak tal-Parroċċa taż-Żurrieq, immexxi mill-Arċipriet Attard, aktar tard pellegrinaġġ ieħor organizzat mill-Kunsill tax-Xagħra, Għawdex, fejn il-Kan. D. Ġużepp Sultana qaddes għal dawk preżenti. L-aħħar pellegrinaġġ kien dak mill-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, taħt it-tmexxija ta' Fr Joe Galea. Pellegrinaġġ ieħor kien dak li ġie organizzat mill-membri tal-***Ladies Craft Circle*, tal-Mellieħa**. Iċċelebra il-quddiesa Fr. Michael Cauchi.

**Il-Ħamis, 14:** Fr Raymond Calleja, mexxa pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Santa Venera. F'dan il-jum pellegrinaġġ ieħor kien dak mill-membri tal-Parroċċa *Wood Green*, minn Londra, l-Ingilterra. Pellegrinaġġ ieħor kien dak tal-membri li jattendu l-Imtarfa *Day Centre*, taħt it-tmexxija ta' Ms D. Degabriele, talbu f'riġlejn Ommna Marija.

**Il-Ġimgħa, 15:** 23 membru mid-*Day Centre*, din id-darba minn Birżebbugia, immexxija minn Mrs M. Grech, żaru lill-Madonna fis Santwarju tagħha. Illum ukoll żaru u talbu fis-Santwarju Fr Mimo Perez mill-Filippini, akkompanjat minn Fr Victor Agius, ommu Maria u oħtu Laura.

**It-Tlieta, 19:** Żewġ pellegrinaġġi dak tal-Grupp tal-Madonna tal-Karmnu, mill-Fgura, Malta, kif ukoll Grupp Ragħaj it-Tajjeb, Msida, Malta.

**L-Erbgħa, 20:** Grupp ta' disa' familji Pollakki. immexxija minn saċerdot Pollakk Fr. A. Laguna, ġew Għawdex biex għamlu irtir f'Dar Manresa ta' ġimgħatejn. F'dan il-jum għaddew ġurnata ta' talb fis-Santwarju Ta' Pinu u kellhom quddies fl-10.00 a.m. Huma rringrazzjaw lill-Madonna Ta' Pinu għall-ġid spiritwali li akkwista fil-Moviment 'Familji ta' Nażaret' li tiegħu huma membri fil-Polonja.

*(ikompli f'paġna 32)*




# L-Istorja tal-Madonna tal-Verbum Dei

Kitba ta' John Formosa
Illustrazzjonijiet ta' Christine Renée Simoncic



*San Ġorġ Preca kien iħobb jaħseb ħafna fuq il-fatt li l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna biex lilna jsalvana mit-telfien ta' dejjem.*




*Ta' kuljum kien iħobb jgħid, filgħodu, f'nofsinhar, u fi nżul ix-xemx, it-talba hekk imsejħa ta' l-Angelus, li proprju tfakkar din il-ġrajja tal-miġja ta' l-Iben ta' Alla fostna.*



*Fl-1917 Dun Ġorġ qara l-ħajja tal-Beata Marija tal-Passjoni, li fiha sab miktub li Ġesu' qalilha kemm għandhom forza kbira kontra d-demonju l-kelmiet: Verbum Dei caro factum est, li bil-Malti jfissru l-Iben t'Alla sar bniedem.*

*Dan il-kliem hu meħud mill-Vanġelu ta' San Ġwann (1,14). Dun Ġorġ beda jxerrdu ma' kullimkien u ried ukoll li l-membri tal-Għaqda tiegħu jġibuh fuq sidirhom permezz ta' badge li fuqha hemm stampat dan il-kliem.*





*Fl-1921 Dun Ġorġ beda l-purċissjoni fit-toroq tal-bliet u rħula ta' Malta u Għawdex bil-Bambin. Din riedha li ssir lejlet il-Milied biex ifakkar lil kulħadd li l-Milied ifisser li l-Iben ta' Alla sar wieħed minna biex isalvana.*

*Fl-1936, talab lill-pittur Malti, Rafel Bonnici Cali', biex ipinġilu lill-Madonna b'idejha miftuħa, fil-qagħda li qiegħda taċċetta li tkun Omm Alla. Ried li fuq sider il-Madonna jkun hemm stampati b'mod car il-kelmiet Verbum Dei caro factum est, biex ifakkar li l-Misteru ta' meta l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna permezz ta' Marija.*






*Aktar tard, Dun Ġorġ reġa' talab lill-istess pittur biex fuq ix-xbieha tal-Madonna tal-Verbum Dei, jżid il-kelmiet "Daemonum Terror", li jfisser "Biża' tad-Demonju", għax fejn tersaq Marija d-demonju jaħrab.*



*F'Mejju tas-sena 2001 meta li l-Papa Ġwanni Pawlu II ġie Malta biex jiddikjara lil Dun Ġorġ bħala Beatu, is-Soċjeta` MUSEUM tat lill-Papa bħala rigal pittura mpinġija biż-żejt li turi x-xbieha tal-Madonna tal-Verbum Dei, li l-Papa laqa' bil-ferħ billi taha bewsa mill-qalb.*

(ikompli minn paġna 29)

**Il-Ħamis, 21:** It-Terzjarji Karmelitani, mexxew pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Fleur de Lys, Malta. Qaddes Fr Louis Bajada. Pellegrinaġġ ieħor ta' 47 persuna, kien dak taċ-Ċentru Soċjali (Caritas), tan-Naxxar immexxi minn Charles Farrugia. Fl-istess jum ukoll, waslu f'pellegrinaġġ grupp tal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema flimkien ma' Fr. Simon Sciberras li ċċelebra il-quddiesa. Fl-aħħar grupp kien dak tar-Reliġjużi Saċerdoti Agostinjani li kienu waqt l-irtir annwali tagħhom mit-18 sat-22 ta' Ġunju, żaru f'pellegrinaġġ is-Santwarju, flimkien mal-predikatur tagħhom P. Remo Piccoluomini OSA.

**It-Tnejn, 25:** Pellegrinaġġ mis- *Social Club* ta' l-anzjani, ta' G'Mangia, Malta.

**L-Erbgħa, 27:** Persuni minn *Sa Maison Retirement Home*, tal-Pieta, Malta, żaru is-Santwarju biex iressqu t-talb tagħhom lill-Madonna.

**Il-Ħamis, 28:** Fr Joe Buttigieg mexxa grupp ta' 14-il persuna, mill-Fgura, Malta.

**Il-Ġimgħa, 29:** Pellegrinaġġ mill-Imġarr ta' Malta, immexxi minn Dun Alfred Vella.

**Is-Sibt, 30:** Pellegrinaġġ ta' madwar 35 ruħ mill-**Polonja.**

## Lulju 2007

**L-Erbgħa, 4:** Is-saċerdot novell Fr Kevin Schembri, flimkien ma' żewġt' iħbieb, radd il-ħajr lil Alla għad-don tas-Saċerdożju.

**Il-Ħamis, 5:** Fr Antoine ofm conv mexxa fit-talb il-Grupp tal-Vokazzjonijiet ofm conv, Malta.

**It-Tnejn, 9:** Talba għall-protezzjoni ta' Ommna Marija saret mis-saċerdot novell Fr. Josef Mifsud, fil-preżenza tal-familja tiegħu.

**It-Tlieta, 10:** Dun Brian Meilak iċċelebra quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkazzjoni tal-25 Anniversarju taż-Żwieġ tal-koppja Roger u Rita Meilak, mill-Parroċċa tan-Nadur. Fl-istess jum, Fr Chris Farrugia ofm, qaddes quddiesa ta' Radd il-ħajr fl-okkażjoni ta' l-20 Anniversarju Saċerdotali tiegħu.



**L-Erbgħa, 11:** Fr Charles Fenech op, direttur ta' Radju Marija, iċċelebra b'quddiesa ta' radd il-ħajr, fl-okkażjoni tal-21 Anniversarju Saċerdotali. Fl-istess jum il-Koppja Farrugia minn Ħal Qormi Malta, ġew fis-Santwarju biex jiċċelebraw il-15-il sena miż-Żwieġ tagħhom. Qaddes il-quddiesa Mons. Coronatus Grima.

**Is-Sibt, 14:** Ingħaqdu fis-sagrament taż-żwieg, il-koppja Chantelle Fiteni u Joseph Spiteri, minn Kerċem u mill-Munxar respettivament. Iċċelebra il-quddiesa Mons Girgor Grech.

**Il-Ħamis, 19:** P. Anton farrugia ofm qaddes b'radd il-ħajr lil Alla f'għeluq id-9 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu li kienet saret fil-Bażilika Ta' Pinu, nhar it-12 ta' Lulju 1998, minn idejn l-Isqof Silvestru C. Magro ofm. Flimkien ma' P. Anton, ikkonċelebra P. Ġann Ġużepp Carifano ofm, viċi-postulatur ta' l-Ordni Franġiskan. Aktar tard, Fr. Charles Azzopardi Vigarju Episkopali, mexxa it-talb lill-grupp ta' żgħażagħ.

**Il-Hamis, 26:** Saret il-laqgħa għall-*Prayer Group* Madonna ta' Pinu, fejn ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija fil-Kappella tas-Santwarju.

**Is-Sibt, 28:** Mid-Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera, Fr Frankie Cini mssp, direttur tad-dar, qaddes fis-Santwarju ta' Pinu.

***Pellegrinaġġi***

**It-Tnejn, 2:** Pellegrinaġġ mill-membri li jiffrekwentaw B'Kara *Day Centre.*

**It-Tlieta, 3:** Pellegrinaġġ 'Madonna ta' l-Għar', Rabat, Malta, immexxi minn P. Micallef. Pellegrinaġġ ieħor minn Puerto Rico (USA), magħmul minn 22 persuna, flimkien mas-Saċerdot Fr Larry.

**It-Tlieta, 10:** Pellegrinaġġ minn Grupp mis-Santwarju ta' San Ġużepp Inkurunat, mir-Rabat ta' l-Imdina, Malta, immexxi minn Patri Ġużepp Camilleri ofm Ta' ĠieżuÏ, Malta, żar u talab f'riġlejn Marija. F'dan il-jum ukoll għamlu viżta ta' devozzjoni tliet reliġjużi, P. Delia flimkien ma' żewġ sorijiet.

**L-Erbgħa, 11:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa Madonna ta' Lourdes, Raħal Ġdid, Malta. Pellegrinaġġ mid-*Day Care Centre* ta' San Ġwann, immexxi mill-Kunsill Lokali.

**Il-Hamis, 12:** Pellegrinaġġ minn grupp tal-Parroċċa San Franġisk t'Assisi, Qawra, Buġibba, immexxi minn P. George Attard ofm conv. Għal darba oħra l-Grupp tal-Vokazzjonijiet Franġiskani Konventwali, żaru s-Santwarju taħt it-tmexxija ta' Fr. Antoine Apap ofm conv. Wasal wkoll grupp mid-Dingli *Day Centre*, immexxi minn Filippa Borg u Grupp San Franġisk, Hamrun

**Il-Ġimgħa, 13:** Doris Cassar mexxiet pellegrinaġġ għall-grupp *Social Club* Anzjani Marsa, mill-Parroċċa tas-S.Sma Trinita.

**Il-Hadd, 15:** Pellegrinaġġ mill-**Fergħa Ewkaristika, Marsa**, b'turija ta' imħabba u radd il-ħajr lil ĠesuÏ Ewkaristija u lil Ommna Marija Ta' Pinu.

**It-Tlieta, 17:** Pellegrinaġġ minn Hal Axiaq, magħmul minn 90 persuna. Pellegrinaġġ miż-Żejtun, b'madwar 80 persuna. Pellegrinaġġ miż-Żebbuġ Malta, immexxi minn Grace Baldacchino, b'76 persuna.

**L-Erbgħa, 18:** Pellegrinaġġ imexxi minn Fr Charles Grech ofm u Fr Joseph Magro ofm. Ġew iressqu t-talb tagħhom, talb għall-fejqan, flimkien mal-Grupp ta' l-Abbatini, Fgura. Kienu 33 abbati.

**Il-Ġimgħa, 20:** Pellegrinaġġ u Quddiesa minn Fr Sultana, lill-grupp miż-żona tax-Xgħajra, li tat bidu għall-attivitaÏ soċjali annwali tagħhom.

**L-Erbgħa 25:** Pellegrinaġġ minn Hal-Kirkop, immexxi mill-Kappillan Fr Noel Camilleri. Pellegrinaġġ minn Had-Dingli, immexxi mill-Kappillan Fr Norman.



# The Blessed Virgin Mary and the Sacrament of Ordination

Rev. Emanuel Magro

***"When they entered the city - after the ascension of Jesus into heaven- they went to the upper room where they were staying, Peter and John and James and Andrew, Philip and Thomas, Bartholomew and Matthew, James son of Alphaeus, Simon the Zealot, and Judas son of James. All devoted themselves with one accord to prayer, together with some women, and Mary the mother of Jesus, and his brothers.***

***"When the time for Pentecost was fulfilled, they were all in one place together. And suddenly there came from the sky a noise like a strong driving wind, and it filled the entire house in which they were. Then there appeared to them tongues as of fire, which parted and came to rest on each one of them. And they were all filled with the holy Spirit and began to speak in different tongues, as the Spirit enabled them to proclaim."***

(Acts 1:13-14; 2:1-4)

This scene is very familiar. Mary is with the apostles and other disciples of her Son. They are gathered together. They prayed together. At the appointed time Jesus the Christ sent the gift of the Holy Spirit to his apostles. The Holy Spirit was felt like "*a strong driving wind*" and appeared in the form of tongues of fire. There is no doubt that Luke is referring to a new creation by God, in the same way that "*a mighty wind swept over the waters*" as God created the heavens and earth (Gen 1:2). Now too "*a strong wind*" rushed on Jesus' followers in order that God will renew His own creation. The salvation and redemption that Jesus has brought about by his death and resurrection is to be offered to all generations.

God has invited Mary to become the mother of the Saviour of humanity. In this way the Son of God became incarnate and dwelt among us. Jesus the Christ chose the apostles and entrusted to them the proclamation of the Good News of salvation. The apostles, in order to fulfill their Lord's commandment, ordained presbyters to assist them in their ministry of freeing their fellow human beings from the powers of Evil and empowering them to become sons and daughters of God and brothers and sisters to one another. God's plan of salvation is still unfolding.

By virtue of their ordination priests do share in Mary's mission. Like Mary they receive the gift of the Holy Spirit so that they carry in their lives the Son of God made flesh to save the world. By their words and actions they are to reveal God's presence in human life. They do not carry the living Son of God in their womb. However, they carry Him in their proclamation of the Word of God; in the sacraments that they administer; and through living their celibate and dedicated life. The priests like Mary can behold the Incarnate Word of God in the Eucharist that they celebrate. Each time that they celebrate the Eucharist, God once again entrusts His Son in the hands of humans. God does trust His priests, for God had a very positive experience with Mary when she accepted His invitation to carry His Son in her womb.

Mary owes her calling to be the Mother of Jesus the Christ to God. God saw her generous heart and invited her to realize her generosity in a very concrete way by becoming the mother of His Son. God did not promise her riches, fame, and comfort. God invited her to lead an ordinary life in an extraordinary way, to lead a normal human life but in the constant presence of and with God. Similarly, priests accredit God for their calling to be ministers of the Good News of salvation. Somehow they felt the same stirrings of the Holy Spirit that Mary experienced and like her they discerned God's call for pastoral ministry.

Mary's faithfulness to her calling and her willingness to follow her Son in good and in bad times teaches priests that it is possible for them to maintain their yes to God and work unceasingly and diligently for the coming of her Son's kingdom. Mary shows the way of true discipleship. She encourages priests to trust God and be guided by the Holy Spirit whom they, like her, have received.

***Mary, mother and sister of priests, pray for us.*** •



# Isejħulek hienja...

***Paġna Letterarja***
**minn Francesco Pio Attard**

## Ġieħ misthoqq lil Marija fit-tlugħ tagħha fis-sema

### *Ħjiel fuq Ħajtu*
**Pawlu Aquilina (1929- )**



Pawlu Aquilina twieled is-Siġġiewi nhar it-28 ta' Awwissu 1929. Studja fl-iskola primarja tal-Gvern, fis-Seminarju ta' l-Arċisqof u, wara l-Matrikola ta' Londra, fil-*Kulleġġ San Mikiel għat-Taħriġ ta' l-Għalliema* (*St Michael's Training College for Teachers*). F'Ottubru 1950 beda jgħallem fl-iskejjel primarji tal-Gvern u fl-1957 sar *scriptwriter* fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Imbagħad fl-1959 laħaq surmast tal-Malti fil-*Liceo*. Wara snin twal assistent kap u kap ta' skola bejn l-1978 u l-1990, irtira mis-servizz, imma qatt ma qata' l-interess tiegħu fl-edukazzjoni.

Aquilina hu awtur ta' bosta poeżiji, esejs - l-aktar b'xeħta u ambjent lokali - u *features* għar-radju. Kemm-il darba ngħata premijiet f'konkorsi letterarji. Kiteb ukoll għadd kbir ta' xandiriet letterarji u edukattivi għat-tfal ta' l-iskejjel primarji. Qaleb mill-Ingliż għall-Malti (fuq talba tal-poeta l-patri Ġuże' Delia SJ, dakinhar provinċjal) id-dramm *A saint in a hurry* (*Qaddis bla mistrieħ*, oriġinarjament *El divino impaciente*, tal-poeta u kittieb magħruf Spanjol JoseÏ Maria Peman).

Fl-1992 huwa ppubblika għażla ta' poeżiji tiegħu fi ktieb bl-isem *Mill-beraħ ta' l-għelieqi*, u kompla fl-2002 b'*L-għanja tiegħi lil Ħal Xluq. Versi u proża*, u fl-2004 b'*Hawn twieldet u tibqa' tħabbat qalbi. Tifkiriet milli għext u tagħrif milli ġbart.* Stampa f'kotba wkoll diversi traduzzjonijiet.

Bosta xogħlijiet tiegħu, l-aktar ta' poeżiji, dehru f'pubblikazzjonijiet bħal *Malta Missjunarja*, *Leħen is-Sewwa*, *Il-Berqa*, *Il-Qawmien*, *Il-Ħaddiem*, *L-Orizzont*, *It-Torċa*, *Il-Ġens Illum*, *Regina et Mater*, *Malta Cultural Institute Bulletin*, *Ix-Xefaq* (fl-Awstralja), *Il-Polz* u *Is-Siġġiewi*. Poeżiji tiegħu jinsabu f'bosta antoloġiji. Ixxandru wkoll xogħlijiet tiegħu minn fuq ir-*Rediffusion*, *Cable Radio*, *Radju Malta 1*, *Radju Malta 2*, *RTK*, *Super One*, *Radju Universita`*, *PBS* (fl-Awstralja), u *Malta Television*. Kien ukoll ko-editur flimkien ma' ĠużeÏ Diacono fir-reviżjoni tad-*Dizzjunarju Ingliż-Malti* ta' Dun Karm Psaila, maħruġ f'ħames volumi (1991-1993).

Aquilina kien membru ta' l-Azzjoni Kattolika sa mill-etaÏ ta' seba' snin, fejn ingħata karigi għoljin, fosthom ta' president tal-fergħa ta' l-irġiel, amministratur tal-ġunta amministrattiva ta' l-irġiel u l-ġuvintur flimkien, u dik ta' president parrokkjali ta' l-erba' friegħi ta' l-Azzjoni Kattolika fil-parroċċa tiegħu.

Hu wkoll membru tal-bord editorjali tar-rivista parrokkjali *Is-Siġġiewi* sa mill-bidunett tagħha f'Ġunju 1977 u għal dawn l-aħħar għaxar snin ko-editur tagħha. Barra minn dan hu viċi-

president ta' l-*Għaqda Kulturali Siġġiewi*, li ilu membru tagħha sa mit-twaqqif tagħha fl-1971. Serva bħala president tal-*Kunsill Skolastiku Siġġiewi* għal tliet darbiet. Aquilina hu membru ta' l-*Għaqda Letterarja Maltija* sa mit-twaqqif tagħha fl-1951 u membru akkademiku ta' l-*Akkademja tal-Malti* mill-1960. Ingħata l-*Onorifiċenza Midalja Mertu Siġġiewi* mill-Kunsill Lokali fis-sena 2000.

Iżżewweġ fl-1954 lill-għalliema Ġuża mwielda Aquilina, u għandhom ħames ulied.

## Poeżija mqanqla minn emozzjoni "Marjana"

Meta wieħed jaqra din il-poeżija li, kif qalilna l-awtur innifsu, hi adattament minn innu li hu kien kiteb għal waħda mill-festi ta' l-Assunta f'Malta, fl-1998, jista' jħoss l-emozzjoni li biha jikteb Aquilina u l-qawwa li biha jrid jesprimi l-ġieħ mistħoqq lil Marija, fil-misteru kbir tat-tlugħ tagħha fis-sema. Daqshekk ieħor wieħed jaqra s-sens patrijottiku li jżejjen il-versi sbieħ tal-poeżija, li waħidha titkellem għal kemm Malti u Marjan hu min kitibha, u għar-rabta ta' Malta ma' Marija u ta' Marija ma' Malta.

L-Assunzjoni ta' Marija, li l-Knisja tiċċelebra kull 15 ta' Awwissu, ġiet ipproklamata domma tal-fidi mill-papa Piju XII f'Novembru 1950. Imma dan ma kienx għajr riżultat ta' tradizzjoni antika fil-Knisja li tmur lura sa żmien l-Appostli, u li baqgħet dejjem ħajja fil-liturġija tal-Lvant fil-qima lejn ir-"Raqda", jew Dormizzjoni, ta' Marija. U f'pajjiżna l-kult lejn Marija Assunta huwa kbir u għani, hekk li, biex insemmu aspett wieħed biss, insibu rappreżentazzjoni artistika ta' dan il-misteru ta' Marija kważi f'kull knisja, barra li disa' parro"i huma ddedikati lilha. Fil-lingwaġġ popolari ta' niesna, biżżejjed wieħed jgħid "Santa Marija" u jkun jifhem l-Assunta. Min-naħa donnu jidher li dan it-titlu jbaxxi lill-Verġni Marija, li hi ogħla fil-ġieħ u l-qdusija mill-bqija tal-qaddisin, imma fl-istess waqt jesprimi l-għożża u l-imħabba tal-Maltin lejn din il-festa Marjana. Niftakru li kien proprju f'jum Santa Marija, il-15 ta' Awwissu ta' l-1942, li f'Malta daħal b'mod l-aktar providenzjali t-tanker *Ohio*, biex salva lill-gżira u l-poplu tagħha minn dik li kienet sejra tkun qerda definittiva għal pajjiżna. Il-Maltin kienu tilfu kull tama u l-gwerra kienet għoddha mirbuħa, meta Marija, ta' omm ħanina li hi, li qatt ma twarrab lil uliedha li jħobbuha, interċediet mis-sema u tat lura lill-Maltin it-tama - fl-ikel li daħal ġo konvoj fil-Port il-Kbir - u fl-aħħarnett l-istess rebħa fuq l-għadu, eku tar-rebħa kbira fuq it-Torok nhar il-festa tat-Twelid ta' Marija ta' l-1565, minn dakinhar 'il quddiem imsejħa l-Vitorja.

Id-devozzjoni lejn Marija mtellgħa s-sema fil-gżira tagħna "tat-tliet għoljiet" m'hix biss fiż-żewġ parroċċi tal-katidral u taż-Żebbuġ, imma wkoll fis-santwarju f'Ta' Pinu, fejn l-Għawdxin kollha jersqu bi ħġarhom ifittxu l-faraġ f'dik il-mara li stiednet lil Karmni Grima tingħaqad magħha fit-talb. U hekk għadu sal-lum!

Imma, lura għall-poeżija ta' Aquilina, wieħed jista' jifhem li fil-qalb ta' dan il-poeta mis-Siġġiewi, bħal fil-qalb ta' kull Malti, hemm din id-devozzjoni - mibnija mhux biss fuq sempliċi reliġjożitaI, imma fuq għarfien fil-fidi - lejn Marija Assunta. Ħafna jġorru isimha u l-istess gżejjer Maltin huma mqiegħda taħt il-protezzjoni speċjali tagħha. Allura wieħed ma jistagħġibx kif il-poeta, b'bażi reliġjuża hekk profonda, jirriserva kliem hekk sabiħ għall-verġni Marija.

L-innu-poeżija jiftaħ mill-ewwel b'inkwadratura patrijottika. Hekk kif ibexbex il-jum speċjali tal-festa ta' l-Assunta u x-xemx tixref mix-xefaq fuq il-baħar li jdawwar il-gżejjer tagħna, Malta kollha tifraħ, għax taqra fl-imgħoddi u fil-futur tagħha l-interċessjoni smewwija ta' Marija. Hu ħsieb sabiħ ħafna: Marija dejjem kienet mal-poplu Malti f'kull ħtieġa tiegħu, u l-poeta jaċċertana li Marija ħa tibqa' tkun il-ħarriesa ta' niesna u ta' artna.

Il-poeta Siġġiewi jkompli jindirizza lil Marija u jfakkarha kif hi dejjem ħarset il-poplu Malti meta artna "sfat mhedda" u jirriferi għaż-żminijiet tal-glied u l-gwerer li ħallew il-marka tagħhom ukoll fuq pajjiżna. Kuldarba Malta u Għawdex daru lejn Marija biex tidħol għalihom. Dan deher l-iktar ċar fit-Tieni Gwerra Dinjija, meta Malta tabilħaqq sfat "imħarbta". Tidher kemm "tħabbat qawwija" l-qalb ta' l-awtur huwa u jkellimna fuq kif Marija qatt ma ħallietna waħidna "bħal qasba

mar-riħ'' f'dawn iż-żminijiet ta' niket u għawġ għal niesna, meta, kif ifisser tajjeb bil-pinna tiegħu, "id-dmugħ ċarċar jaħraq u tħallat mad-demm''. Hu għalhekk li l-qalb tal-poplu Malti tħabbat għal Marija "bla mistrieħ'' u dejjem fuq fommu l-isem tagħha.

Aktar ma jaqra l-poeżija l-qarrej ikompli jifhem b'liema ħeġġa Aquilina jsellem lil Marija u jitkellem fuqha. F'din it-talba ħerqana tiegħu huwa jitlobha biex anki llum tidħol fid-djar tagħna u tħarisna mill-perikli li qatt ma jieqfu jħarrku s-sisien tal-familji tagħna. Jekk qabel kienet il-gwerra li fnietna, issa d-dinja toffri għedewwa oħra. Il-mard spiritwali qiegħed ikisser is-soċjetaÏ tagħna u joħnoqha "bħax-xewk qalb il-ward'', u forsi aħna stess li qed inħalluh jikber! Bilfors neħtiġuha lil Marija biex, bħal dik il-"kewkba sabiħa tal-baħar'', tkun il-port tas-salvazzjoni tagħna mill-mewġ qerriedi, mhux li jħabbat mal-blat żonqri tal-gżejjer tagħna, imma li jrid jarana mgħarrqa fid-dnub. Fi ħdan Marija nsibu dak il-mant li jkenninna u jżommna fis-safa tas-sewwa.

Waħidha fl-aħħar tibqa' strofa li hi l-kuruna ta' l-eloġju ta' Aquilina. Kif għamel spiss fil-versi ta' qabel, issa l-poeta jiftaħ kull vers ta' din l-istrofa bl-isem ta' Marija huwa u jfaħħarha u jgħidilha kif m'hemmx isbaħ, egħżeż, ogħla u ogħna

*(ikompli f'paġna 40)*

## Innu ta' ġieħ lil Marija mtellgħa s-sema

***(adattat minn versi li l-poeta kiteb għall-festa ta' Santa Marija)***

Ħa tixref bi ġmielha minn xefaq il-baħar
ix-xemx waqt li żżernaq fuq art il-Maltin;
ħa ddawwal u ssaħħan l-imsieraħ u t-toroq,
kull sqaq u kull bejta ta' djarna kennin.

Għax bexbex u sebaħ jum ġmielek, omm tagħna,
jum tlugħek fis-sema, omm Alla l-Feddej!
Dal-jum li jwaħħadna ma' qalbek, ħanina,
kif dejjem għaqqadna fl-imgħoddi, f'li ġej.

*Int Xemx li qatt ma tinżel!*
*Int Qamar dejjem sħiħ!*
*Int Kewkba ta' filgħodu!*
*Int Univers ta' ġieħ!*

*Bik żejjen Alla s-sema!*
*Bik żejjen Alla l-art!*
*Bik żejjen Alla l-baħar!*
*Bint Alla w Ommu nħtart!*

Omm tagħna, Marija, int dejjem ħaristna
fis-siegħa qalila tan-niket u l-hemm,
met'artna sfat mhedda, maħbuta w imħarbta
u d-dmugħ ċarċar jaħraq u tħallat mad-demm.

Omm tagħna, Marija, kemm tgħożżna, kemm tħobbna,
qatt inti ma tlaqtna bħal qasba mar-riħ;
għalhekk qalbna tħabbat qawwija f'sidirna
għalik, o Marija, kull ħin, bla mistrieħ.

*Int Xemx li qatt ma tinżel!*
*Int Qamar dejjem sħiħ!*
*Int Kewkba ta' filgħodu!*
*Int Univers ta' ġieħ!*

*Bik żejjen Alla s-sema!*
*Bik żejjen Alla l-art!*
*Bik żejjen Alla l-baħar!*
*Bint Alla w Ommu nħtart!*

Omm tagħna, Marija, ejja għammar fi djarna
u fejjaq minn fostna kull ġerħa, kull mard,
li jniġġes, li jidrob bi ħjiena lil ruħna,
li jikber u joħnoq, bħax-xewk qalb il-ward.

Omm tagħna, Marija, l-irwiefen qerrieda,
il-mewġ minfuħ jogħla, qalil u belliegħ,
tħallihom qatt lilna jkaxkru, jifirdu
minn ħdanek ħanina, ta' ruħna l-mistrieħ!

*Int Xemx li qatt ma tinżel!*
*Int Qamar dejjem sħiħ!*
*Int Kewkba ta' filgħodu!*
*Int Univers ta' ġieħ!*

*Bik żejjen Alla s-sema!*
*Bik żejjen Alla l-art!*
*Tagħhom it-tnejn Sultana*
*f'dal-jum int fis inħtart!*

Marija, m'hemmx isbaħ mid-dija ta' wiċċek!
Marija, m'hemmx egħżeż mill-ħarsa t'għajnejk.
Marija, m'hemmx ogħla minn fommok jitbissem!
Marija, m'hemmx ogħna mill-barka ta' jdejk!

Pawlu Aquilina
14 ta' Mejju 1998

# Grazzi, Madonna għax Smajtni

*miġbura minn*
*Edward Depasquale*



## April - Ġunju 2007

**Għawdex:** Abela Ġemma, Agius Rachel, Aquilina Stella, Attard Antoinette, Attard Frank & Doris, Attard John, Attard Pawla, Attard Sabrina, Attard Victoria, Axiaq Josephine, Axiaq Marija, Azzopardi Doris, Azzopardi John Paul, Bartolo Anthony, Bonello Antoine, Borg George, Buttigieg Grace, Buttigieg John, Buttigieg Josette, Buttigieg Karmenu, Buttigieg Liliana, Buttigieg Marija, Buttigieg Violet, Calleja Joan, Calleja Julia, Calleja Toni, Camilleri Grace, Camilleri Kelina, Camilleri Mary Anne, Camilleri Rita, Cardona Frankie, Carnemolla Annunżjata, Caruana Anna, Cassar Ġemma, Cassar Ċikku, Cassar Angela, Cassar Karmena, Cassar Loraine, Cassar Margaret, Cauchi Marija, Cauchi Maris, Cini Mary, Cordina John, Curmi Ġorġina, Day Ġorġa, Debrincat Ġanni, Debrincat Marija, Falzon Delina, Falzon Lina, Falzon Marija, Falzon Stella, Farrugia Agnes, Farrugia Anne, Farrugia Carmen, Farrugia Heidi, Farrugia Joseph, Formosa Vicky, Frendo Rita, Gatt Bice, Gatt Josephine, Gauci Joe, Grech Doreen, Grech Gordon, Grech Marita, Grech Rose, Grima Fran'esca, Grima Manwel, Grima Mariġwann, Grima Maria Assunta, Grima Marija, Grima Pietru, Hili Ġuża, Hili Karmenu, Magro Amanda, Mercieca Jane, Mercieca Peter, Micallef Lawrence, Micallef Marianne, Mizzi Roderick, Mizzi Tonina, Muscat Familja, Muscat Antonella, Muscat Koronata, Muscat Marija, Muscat Mary Louise, Muscat Rachelle, Muscat Rita, Muscat Rose Marie, Muscat Tony & Ċetta, Olivia Elizabeth, Pace Jeffrey, Parnis Marija, Pisani Karmena, Pisani M'Ġiovanna, Piscopo Marija, Portelli Angelo, Portelli Mary, Portelli Nata, Portelli Pawla, Rapa Marija, Refalo Joe, Refalo Roderick, Reynolds Familja, Sacco Michelle, Said Coronata, Said Ivan, Said Marija, Said Marylyn, Saliba Ġużeppa, Saliba Anthea, Saliba Marija, Sammut Marija, Sammut Salvu, Sciberras Lucy, Sciberras Nicholas, Sciberras Rose, Spiteri Edilon, Spiteri Feli', Spiteri Frances, Spiteri Karmenu, Spiteri Marija, Spiteri Sharon, Spiteri Tonina, Stellini Ġużeppa, Sultana Ċikku, Sultana Anġela, Sultana Fortunata, Sultana Manwel, Sultana Mary, Sultana Saver, Sultana Stephanie, Sultana Tereża, Tabone Antoinette, Tabone Frank, Tabone R & R., Tabone Rita, Theuma Grezzja, Theuma Isabelle, Vassallo Benna, Vassallo Mary, Vella Anġlu, Vella Benna, Vella Ivan, Vella Joseph, Vella Kristina, Vella Rita, Vella Saviour, Vella Silvio, Vella Vanessa, Vella Ġorġ (Dun), Xuereb Anġela, Xuereb Joyce, Xuereb Mary Rose, Zammit Frances, Zammit George, Zerafa Ġuża, Zerafa Loreta, Zerafa Margaret, Stella.

**Malta:** Abdilla Ċettina, Abela Margaret, Abela Pawlu, Agius Mariella, Agius Marija, Agius Vadala John, Anastasi Mary, Apap Manwela, Attard Carmela, Attard Doris, Attard George, Attard Miriam, Attard Vince, Azzopardi Carmen, Azzopardi John, Azzopardi Josephine, Bajjada Tony, Barbara Carmen, Berry Emanuel, Bezzina Ryan, Bonanno Ġuża, Bonanno Marianne, Bonanno Wiġi, Bonavia Salvu, Bondin Marisa, Bonnici Familja, Bonnici Saviour, Borg Carmela, Borg Hilda, Borg Jessie, Borg Joe, Borg Josephine, Borg Mary, Borg Rita, Briffa Carmen, Briffa Raymond, Bugeja Audrey, Bugeja Familja, Bugeja John, Bugeja Marthese, Bugeja Pauline, Bugeja Victor, Buhagiar Lilian, Buhagiar Rita, Busuttil Karmena, Buttigieg Diane, Buttigieg Paul, Cachia Familja, Calleja Antoinette, Calleja John, Camilleri Doris, Camilleri Manwel, Camilleri Marija, Camilleri Pawla, Camilleri Rita, Caruana Margaret, Cassar Doreen, Cassar Frans, Cassar Marija, Cassar Salvu, Cecilia Sr., Chircop Lina, Cilia Michael, Coppolla Anthony, Cordina Familja, Cutajar Domnic, Damato Karmena, Darmanin Agnes, Debono Ġorġ, Delia (Fr.) Frank, Desira Doreen, Dimech Ġovanna, Dimech Joyce, Ellul Joseph, Enriquez Graziella, Falzon Rita, Falzon Rożina, Falzon Sam, Fanciulli Ronnie, Farrugia Alfred, Farrugia Anna, Farrugia Claudette, Farrugia Doreen, Farrugia Doris, Farrugia Frances, Farrugia Helen, Farrugia Marija, Farrugia Mary Rose, Farrugia Pauline, Farrugia Ritienne, Farrugia Rosanne, Farrugia Sadrie, Farrugia Tereża, Fenech Gracy, Fenech Lukarda, Fenech Mrs., Formosa Emma, Gafa Tarcisio, Galea Annie, Galea Florence, Galea Josephine, Galea Olivia, Galea Paul, Galea Tereża, Galea Borg Anne, Gatt Wayne, Gauci Carmen, Grech Familja, Grech Gaetano, Grech Karmena, Grech Margaret, Grech Mary, Grech Veronica, Grima Joe, Grima Josephine, Grixti Catherine, Leckey Sylvana, Magri Elaine, Mallia Charles, Mallia Josephine, Mallia Monica, Mallia Raymond, Mamo Josephine, Mangion Doris, Mangion Marija, Mercieca Jane, Mercieca Joseph, Mercieca Karmena, Micallef Familja, Micallef Gillian, Micallef Louis, Micallef Marija, Micallef Mario, Micallef Mary, Micallef Tereża, Mifsud Charlie, Mifsud Charmaine, Mifsud Dennis, Mifsud Josephine, Mifsud Karen, Mifsud Kirsten, Mifsud Miriam, Muscat Marija, Muscat Rose, Pace Carmelo, Pace Catherine, Pace Emanuel, Pace Karmena, Parnis Kathy, Poney Joyce, Portelli Glorian, Portelli Marija, Pullicino Victoria, Ritchie Josette, Said Melanie, Saliba Agnes, Saliba Jane, SalibaThorine Marija, Sammut Bernardette & Joseph, Sant Rita, Sapienza Felice, Schembri Josephine, Sciberras Pamela, Scicluna Anette, Seychell Keith, Seychell Mary, Spiteri Antonio, Spiteri Jane, Spiteri Mary, St. Joseph School, Sultana Mary Anne, Tanti Joe, Tonna Antoinette, Vassallo Julian, Vassallo Lawrence, Vassallo Mary Joe, Vassallo Agius Miriam, Vella Marija, Vella Susanne, Wettinger Familja, Xerri Familja, Xerri Rita, Xuereb Ġuża, Xuereb Anabelle, Xuereb Connie, Xuereb Loreta, Xuereb Rita, Xuereb Tereża, Zahra Lino,

**Amerika:** Bartolo Rita, Degabriele Carmel, Muscat Maria, Sultana Anġela, Talarico Mark.

**Awstralja:** Agius Feliċ, Attard Marija, Baldacchino Rosemary, Bonnici Familja, Buttel Kevin & Grace, Buttigieg Marianne & Frans, Camilleri Emanuela, Cassar Grezzju, Cassar Maria & Joe, Catania Doris, Cauchi Josephine, Desira Joan, Galea Mary, Grima Connie, Grima Jane, Hili Familja, Maramara Frieda, Mercieca Rita, Micallef Elizabeth, Mizzi Mary, Mizzi Melissa, Mizzi Rose, Pace Karmena, Saliba Frances, Sammut Michelle, Sultana Nina, Sultana Salvina, Tonna Ġilardu, Tonna Mary, Vella Carmen, Vella Maggie, Vella Tania, Vella Wistin, Xerri Lea, Xiberras Carmen.

**Ewropa:** Bailey Leslie, Grech Family, Metcalfe Mary, Roux G., Swinden Patricia.

*miġbura minn Edward Depasquale*

**April-Ġunju 2007**




**GĦAWDEX**

Agius Salvatore, Frendo Gian Luigi, Gauci Hayley, Muscat Baron Marlon, Refalo Damian, Sacco Malcolm, Zammit Cleavon.

**MALTA**

Abela Aidan, Abela Liam, Aquilina Duncan, Aquilina Nicole, Aquilina Thea, Attard Kimberley, Axisa Christian, Azzopardi Andrei, Azzopardi Mariah, Azzopardi Sherona, Bezzina Dylan, Bonanno Julia, Bonavia Cassiel, Bondin Elena Marie, Bonett Cleaven, Borg Amy, Borg Martina, Borg Maxime, Borg Warren, Briffa Aidan, Brincat Francesca, Bugeja Simeon, Cachia Isaac, Camilleri Anastasia, Camilleri Daniela, Camilleri Gwen, Camilleri Kieran Karl, Camilleri Matthew, Camilleri Nicholas, Carabott Kelsey, Cassar Luke, Cassar Nico, Cassar Sarah, Ceibino Jessica, Chetcuti Anne Marie, Chetcuti Ryan, Chircop Britney, Curmi Curan, Debono Chantelle, Debono Julian, Desira Kraig, Falzon Shania, Falzon Shazney, Fenech Michael Formosa Daniel antonio, Formosa Rebecca, Galea Adonelle, Galea Martina, Galea Michea, Galea Mikhail, Galea Owen, Galea Tristan, Gatt Thea, Gauci Gianluca, Gauci Nathan, Grech Adriana, Grima Karl, Grima Matthias Andreas, Grima Mikael, Hili Kydin, Koekstra Nikolai, Mallia Sven, Mallia Rapinett Nathan, Micallef Dane, Micallef Kurt, Micallef Miriana, Mifsud Jean Pierre, Mifsud Kirsty, Mifsud Michaela, Mifsud Nikolai Matvei, Mifsud Pia, Mifsud Terence, Mizzi Tingia, Mizzi Buontempo Bebbe, Muscat Baron Tristan, Neal Scarlett Rose, Nwoko Jerome, Nwoko Natalia, Pia Julia, Pullicino Auliyah Marie, Schembri Ziann Seychell Clayton, Seychell John, Seychell Leanne, Seychell Letizia, Spiteri Andreas, Spiteri George, Spiteri Illaria, Yeomans Luke, Zammit Kalye, Zammit Kimberley, Zammit Luca.

---

*(ikompli minn paġna 38)*

minnha. Din l-istrofa, bħall-oħrajn qabilha, tagħtina x'nifhmu kemm hi ħafifa l-pinna f'idejn Pawlu Aquilina, u forsi b'qawwa ikbar li lanqas hu ma jaf mnejn tiġih toħroġ versi u kliem mill-isbaħ għall-verġni Marija.

Waqt li fil-poeżija ta' seba' strofi l-poeta jħaddem l-endekasillabu, wara kull żewġ strofi huwa jifred b'ritornell ta' żewġ strofi oħra (hawn inħossu iktar is-sens ta' innu) li jħaddmu l-vers ta' seba' sillabi u għalhekk għandhom ritmu differenti mill-bqija, għax iktar mgħaġġlin. Hawn hu juża aġġettivi differenti biex jindirizza lil Marija. L-ewwel strofa tibda dejjem bil-kelma "Int'' u tiġbor fiha aġġettivi "astronomiċi'' attribwiti lil Marija. It-tieni strofa tinbidel kemmxejn fir-ritornell konklużiv. Ir-ripetizzjoni f'Aquilina hi essenzjali biex jidher iktar il-ġieħ li bih irid jindirizza lil Marija, maħtura mit-Trinità sultana tas-sema u ta' l-art f'jum it-tlugħ tagħha fis-sema. ●

---

*Hija xewqa tal-Bord Editorjali li f'din ir-rokna jiġu ppubblikati* **Poeżiji Marjani** *miktuba minn poeti kontemporanji Maltin u Għawdxin.*
*Dawk kollha li jixtiequ li l-poeżija tagħhom tidher f'din ir-rivista huma mitluba li jibagħtu l-poeżija tagħhom flimkien ma' nota żgħira dwar l-awtur f'dan l-indirizz:* **Editur Rivista Madonna Ta' Pinu Paġna Letterarja, Santwarju Ta' Pinu, Għarb, Għawdex**
*jew permezz ta' e-mail:* **theeditor@tapinu.org**

# *Talba lill-Verġni Marija għall-Vokazzjonijiet*

*Talba tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Jum il-Vokazzjonijiet 2003*

Marija, Qaddejja umli ta' Alla l-Għoli,
Ibnek Ġesu` għamlek Qaddejja tal-bnedmin kollha.
Ħajtek kollha kienet ta' servizz umli u ġeneruż.

Int kont il-Qaddejja tal-Kelma,
meta l-Anġlu ħabbarlek li kellek issir Omm Alla.
Int kont il-Qaddejja ta' l-Iben,
billi tajtu l-ħajja u bqajt miftuħa għar-rieda tiegħu.
Int kont il-Qaddejja tal-Fidwa,
meta bqajt wieqfa ħdejn is-salib ta' Ibnek,
waqt li kien qed jagħti ħajtu b'imħabba għalina.
Int kont il-Qaddejja tal-Knisja,
sa mit-twaqqif tagħha
u bqajt tidħol għalina sa issa,
l-aktar fil-mumenti diffiċli tagħna.

Żagħżugħa bint Iżrael,
agħmel li ż-żgħażagħ ta' żmienna jħarsu lejk,
għax inti taf bit-taħwid li jħossu f'qalbhom
meta jiġu wiċċ imb'wiċċ mal-pjan ta' Alla.

Għinnhom jifhmu li qalbhom issib il-mistrieħ
meta jaqdu lil Alla u s-Saltna tiegħu.

Hekk ħajjithom
issir innu ta' glorja
lit-Trinita` Qaddisa.
AMEN.



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II jitlob fis-skiet ġewwa ċ-Ċenaklu f'Ġerusalemm*




# Akkwista il-Kalendarju 2008 fl-okkażjoni tal-125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu

Ritratti tal-Kulur tas-Santwarju tul is-snin
Ritratti antiki tal-Kappella u tal-bini tas-Santwarju
Ħsieb Marjan għal kull xahar
Ċelebrazzjonijiet li ser isiru fis-Santwarju
Supplika tal-Madonna Ta' Pinu

**...tinsiex tibgħat kopja lill-emigranti tiegħek**